L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

P9_TA(2023)0011

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2022

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Jannar 2023 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2022 (2022/2049(INI))

(2023/C 214/06)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21 u 23 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 17 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipji 2, 3, 11 u 17 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-trattati u l-istrumenti l-oħra tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju tal-1948 u r-Riżoluzzjoni 43/29 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-22 ta' Ġunju 2020 dwar il-prevenzjoni tal-ġenoċidju,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali Kontra l-Ħtif tal-Ostaġġi tas-17 ta' Diċembru 1979,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta' Diċembru 1979,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u ta' Diskriminazzjoni Bbażata fuq Reliġjon jew Twemmin, ipproklamata mir-Riżoluzzjoni 36/55 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-25 ta' Novembru 1981,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-10 ta' Diċembru 1984,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jappartjenu għal Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjuży u Lingwistiċi tat-18 ta' Diċembru 1992,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata b'konsensus fid-9 ta' Diċembru 1998,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989 u ż-żewġ Protokolli Fakultattivi tagħha, adottati fil-25 ta' Mejju 2000,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tat-13 ta' Diċembru 2006, li daħlet fis-seħħ fl-UE fil-21 ta' Jannar 2011 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-20 ta' Diċembru 2006,

([1]) ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, adottata fit-13 ta' Settembru 2007, u l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol Nru 169 dwar il-Popli Indiġeni u Tribali tal-1989,

— wara li kkunsidra t-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi, b'mod partikolari l-Artikolu 7 rigward l-Esportazzjoni u l-Valutazzjoni tal-Esportazzjoni u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni ta' Armi,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Beijing tal-15 ta' Settembru 1995,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata fil-25 ta' Settembru 2015, u b'mod partikolari l-għanijiet Nru 1, 4, 5, 8 u 16 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari tad-19 ta' Diċembru 2018 u l-Patt Globali dwar ir-Rifuġjati tal-2018,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-konsegwenzi umanitarji tal-aggressjoni kontra l-Ukrajna,

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-31 ta' Awwissu 2022 dwar it-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU dwar l-Ukrajna waqt l-51 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-23 ta' Settembru 2022,

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp tal-1994, u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dinjità tal-Bniedem fir-rigward tal-Applikazzjoni tal-Bijoloġija u l-Mediċina (STKE Nru 164), adottati fl-4 ta' April 1997, u l-protokolli tagħhom, dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (STKE Nru 197), adottata fis-16 ta' Mejju 2005, u dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali (STKE Nru 201), adottata fil-25 ta' Ottubru 2007,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) tal-11 ta' Mejju 2011, li mhux l-Istati Membri kollha rratifikawha,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 6 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali dwar l-Abolizzjoni tal-Piena tal-Mewt,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-16 ta' Marzu 2022 dwar il-waqfien tas-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-Ukrajna tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2021 dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-NU matul is-76 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, Settembru 2021-Settembru 2022,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2022 dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-2022,

([2]) ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.
([3]) ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022 dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-NU matul is-77 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, Settembru 2022-Settembru 2023,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni tat-25 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024" (JOIN(2020)0005) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2020 dwarha,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (Gender Action Plan, GAP) III – Aġenda ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE" (JOIN(2020)0017),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2021 dwar strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM(2021)0142),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030" (COM(2021)0101).

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2004,

— wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali ([4]), kif aġġornata fl-2009,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, kif aġġornati mill-Kunsill fit-12 ta' April 2013,

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà u tar-reliġjon jew it-twemmin, adottati mill-Kunsill fl-24 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI), adottati mill-Kunsill fl-24 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-libertà tal-espressjoni online u offline, kif adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Mejju 2014,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-nondiskriminazzjoni fl-azzjoni esterna, kif adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Marzu 2019,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-ilma tax-xorb sikur u s-sanità, kif adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2019,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida riveduti għall-politika tal-UE lejn pajjiżi terzi dwar it-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif adottati mill-Kunsill fis-16 ta' Settembru 2019,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida riveduti tal-UE dwar id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab/terzi, kif approvati mill-Kunsill fit-22 ta' Frar 2021,

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Awwissu 2022 dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2012 bit-titolu "L-għeruq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni" (COM(2012)0492),

([4]) ĠU C 303, 15.12.2009, p. 12.

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2022)0071),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni (COM(2022)0453),

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà bit-titolu "Rapport Annwali tal-2021 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja",

— wara li kkunsidra l-inizjattiva strateġika tal-Ombudsman Ewropew tas-7 ta' Lulju 2021 dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-ftehimiet kummerċjali internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb tiegħu li ngħata lil Alexey Navalny fl-2021, politiku ewlieni Russu, avukat u attivista kontra l-korruzzjoni miżmum fir-Russja minn Jannar 2021,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2018 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-popli indiġeni fid-dinja, inkluż il-ħtif tal-art ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2019 dwar il-Linji Gwida tal-UE u l-mandat tal-Mibgħut Speċjali tal-UE dwar il-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin barra l-UE ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar diliġenza dovuta korporattiva u obbligu ta' rendikont korporattiv ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-politika barranija tal-UE dwar il-migrazzjoni ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq id-drittijiet tal-bniedem u r-rwol tad-difensuri tal-ambjent f'din il-kwistjoni ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (l-Att Magnitsky tal-UE) ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE ([12]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem ([13]),

([5]) ĠU C 118, 8.4.2020, p. 15.
([6]) ĠU C 411, 27.11.2020, p. 30.
([7]) ĠU C 404, 6.10.2021, p. 202.
([8]) ĠU C 474, 24.11.2021, p. 11.
([9]) ĠU C 15, 12.1.2022, p. 70.
([10]) ĠU C 15, 12.1.2022, p. 111.
([11]) ĠU C 99, 1.3.2022, p. 152.
([12]) ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.
([13]) ĠU C 342, 6.9.2022, p. 295.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2021 ([14]), u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar rapporti annwali preċedenti,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna ([15]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-3 ta' Mejju 2022 dwar il-persekuzzjoni tal-minoranzi minħabba t-twemmin jew ir-reliġjon ([16]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022 lejn strateġija tal-UE għall-promozzjoni tal-edukazzjoni għat-tfal fid-dinja: il-mitigazzjoni tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 ([17]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2022 dwar l-impatt tal-gwerra kontra l-Ukrajna fuq in-nisa ([18]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna ([19]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xinjiang, inklużi x-Xinjiang police files ([20]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar strument kummerċjali ġdid biex jiġu pprojbiti l-prodotti magħmula bix-xogħol furzat ([21]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 bit-titolu "Theddid globali għad-dritt għall-abort: il-possibbiltà li l-Qorti Suprema tirrevoka d-dritt għall-abort fl-Istati Uniti" ([22]) u tas-7 ta' Lulju 2022 dwar id-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti biex tabolixxi d-drittijiet tal-abort fl-Istati Uniti u l-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-abort u s-saħħa tan-nisa, inkluż fl-UE ([23]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (magħrufa bħala riżoluzzjonijiet ta' urġenza) adottati f'konformità mal-Artikolu 144 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu mill-2019, u b'mod partikolari dawk adottati fl-2021 u fl-2022,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0298/2022),

A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tkun iggwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha stess, u li hi għandha l-għan li tippromwovi fil-bqija tad-dinja, kif minqux fl-Artikolu 21 tat-TUE;

B. billi protezzjoni u difiża effettivi tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll tad-dinjità tal-bniedem, iridu jitqiegħdu fil-qalba tal-politiki esterni kollha tal-UE inklużi l-iżvilupp, il-kummerċ, is-sigurtà u d-difiża, il-migrazzjoni, il-viċinat u t-tkabbir;

([14]) ĠU C 342, 6.9.2022, p. 191.
([15]) ĠU C 434, 15.11.2022, p. 50.
([16]) ĠU C 465, 6.12.2022, p. 33.
([17]) ĠU C 465, 6.12.2022, p. 44.
([18]) ĠU C 465, 6.12.2022, p. 155.
([19]) ĠU C 479, 16.12.2022, p. 68.
([20]) ĠU C 493, 27.12.2022, p. 96.
([21]) ĠU C 493, 27.12.2022, p. 132.
([22]) ĠU C 493, 27.12.2022, p. 120.
([23]) Testi adottati, P9_TA(2022)0302.

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

C. billi l-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE hija parti indispensabbli minn politika kredibbli u effettiva tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

D. billi l-Unjoni temmen u tappoġġja bis-sħiħ il-multilateraliżmu, ordni globali abbażi tar-regoli li huwa bbażat fuq l-osservanza tad-dritt internazzjonali u l-proċessi demokratiċi, u s-sett ta' valuri, prinċipji u normi universali, inklużi dawk stabbiliti fil-Karta tan-NU, li jiggwidaw lill-Istati Membri tan-NU u r-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom;

E. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali tal-UE; billi d-dritt għal trattament ugwali u l-libertà mid-diskriminazzjoni huwa dritt fundamentali minqux fit-Trattati u fil-Karta u għandu jiġi rrispettat bis-sħiħ; billi d-dritt għall-integrità tal-persuna huwa fundamentali skont l-Artikolu 3 tal-Karta; billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u approċċ intersezzjonali għandhom għaldaqstant jiġu implimentati u integrati bħala prinċipju orizzontali fl-attivitajiet u l-politiki kollha tal-UE;

F. billi ż-żieda fl-awtoritarjaniżmu, fil-liberaliżmu, il-populiżmu u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja thedded l-ordni globali bbażata fuq ir-regoli u l-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni; billi skont l-Indiċi tad-Demokrazija tal-2021, inqas minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja (45,7 %) issa tgħix f'"xi tip ta'" demokrazija u aktar minn 37 % tgħix taħt tmexxija awtoritarja;

G. billi t-terroriżmu għadu wieħed mill-akbar theddidiet għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u huwa ksur ċar tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali;

H. billi l-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal ostakli fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, bħala konsegwenza tal-istrumenti u l-politiki stabbiliti bl-iskuża li jnaqqsu t-tixrid tal-virus, u f'ħafna każijiet dawk l-istrumenti u l-politiki kienu marbuta mat-telf tal-prinċipji demokratiċi tal-istat f'għadd ta' stati;

I. billi l-emerġenzi ambjentali, inklużi dawk li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u d-deforestazzjoni, iwasslu għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jaffettwaw mhux biss lin-nies fil-viċinanza immedjata tagħhom, iżda wkoll lill-umanità kollha kemm hi; billi f'dawn l-aħħar snin kien hemm żieda fil-qtil, attakki u forom oħra ta' vjolenza kontra persuni li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-aċċess tan-nies għall-art u r-riżorsi naturali tagħhom; billi t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma żewġ sfidi urġenti u interkonnessi li jirfdu kemm l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem globalment;

J. billi l-kriżi tal-enerġija, flimkien mal-kriżi tal-produzzjoni li qed tiffaċċja l-Ewropa, tista' żżid il-faqar u l-vulnerabbiltà fl-Ewropa, b'impatt potenzjalment detrimentali fuq id-drittijiet tal-bniedem;

K. billi l-ksur tad-drittijiet għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, inkluż id-dritt li wieħed jemmen jew li ma jemminx, li wieħed iħaddan opinjonijiet teistiċi, anjostiċi jew atei, li wieħed ibiddel jew iħalli r-reliġjon tiegħu u li wieħed jesprimi l-fidi tiegħu pubblikament, iwassal għal sitwazzjonijiet ta' oppressjoni, kunflitt u gwerra madwar id-dinja;

Xejriet ġenerali u sfidi globali għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem

1. Jafferma mill-ġdid l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità inerenti ta' kull bniedem; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-impenn qawwi tiegħu li jindirizza l-isfidi għad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan l-UE u mad-dinja kollha u jtenni d-dmir tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jimirħu biex ikunu mexxejja globali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u d-demokrazija f'konformità mal-valuri fundaturi tal-Unjoni;

2. Jinsisti li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u d-dinjità ta' kull bniedem trid tkun il-pedament tal-politika esterna tal-Unjoni; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Unjoni, għal dak il-għan, taħdem għal impenn ambizzjuż kontinwu biex il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem issir parti ċentrali mill-politiki kollha tal-UE b'mod issimplifikat u biex tissaħħaħ il-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE f'dan il-qasam;

3. Ifakkar li l-pjan ta' azzjoni tal-UE 2020–2024 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija għandu jintuża bħala pjan direzzjonali tal-prijoritajiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u għalhekk għandu jkun fiċ-ċentru tal-politiki esterni kollha tal-UE; jisħaq li huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu s-sjieda tal-pjan ta' azzjoni tal-UE u jirrapportaw pubblikament dwar l-azzjoni tagħhom taħt dan il-pjan; iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali, lill-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jinvolvu ruħhom mal-awtoritajiet fil-livell tal-Istati Membri dwar il-kontribut tagħhom għat-twettiq tal-politika esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-Parlament ikun involut fir-rieżami u l-aġġornament futuri tal-Kunsill ta' kwalunkwe waħda mil-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u li l-implimentazzjoni tagħhom tiżgura t-trasparenza;

4. Jinsab imħasseb ferm dwar it-theddid serju għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija mad-dinja kollha, filwaqt li jinnota li n-numru ta' demokraziji kompla jonqos u dak ta' reġimi awtoritarji kiber u li kważi 75 % tal-popolazzjoni tad-dinja esperjenzaw deterjorament fis-sitwazzjoni tal-bniedem f'pajjiżhom fis-sena li għaddiet; jissottolinja bi tħassib il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali f'numru dejjem jikber ta' postijiet madwar id-dinja, kif ukoll l-impunità mifruxa għal dan il-ksur;

5. Jiddeplora l-fatt li minkejja l-ħtieġa li wieħed jikkonċentra fuq ir-reazzjonijiet għat-theddid ikkawżat mit-tibdil fil-klima u l-irkupru mill-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 permezz tas-solidarjetà globali, xi mexxejja awtoritarji, minbarra li mmaniġġjaw b'mod ħażin il-pandemija u r-riżorsi globali, intensifikaw ir-repressjoni tagħhom tal-oppożizzjoni politika, id-dissens, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet immexxija mill-komunità u bbażati fuq it-twemmin, u l-media indipendenti, kif ukoll komplew ikabbru u jespandu l-kunflitti interni u internazzjonali eżistenti u qanqlu oħrajn ġodda b'effetti devastanti fuq id-drittijiet tal-bniedem; jiddeplora d-diversi każijiet li fihom il-mexxejja awtoritarji użaw b'mod ħażin l-effetti tal-pandemija biex jiġġustifikaw l-issikkar tal-politiki ripressivi tagħhom;

6. Jenfasizza l-importanza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jaġixxu b'mod konsistenti flimkien, b'mod partikolar f'fora multilaterali, biex jindirizzaw l-isfidi globali għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u li tinżamm konsistenza fil-politiki interni u esterni; huwa tal-fehma li ż-żamma tar-regola tal-unanimità għal ċerti deċiżjonijiet tal-UE dwar il-politika barranija, inklużi s-sanzjonijiet kontra t-trasgressuri tad-drittijiet tal-bniedem, tostakola l-azzjoni deċiżiva meħtieġa minħabba ċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi li qed jinbidlu, u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid;

7. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi tagħhom madwar id-dinja kollha biex jappoġġjaw id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, f'dan ir-rigward, kemm individwalment kif ukoll f'kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali tal-istess fehma, ifixklu tentattivi inaċċettabbli biex idgħajfu l-istituzzjonijiet demokratiċi u d-drittijiet universali tal-bniedem u jnaqqsu l-ispazju għas-soċjetà ċivili u r-rwol tagħha; jafferma mill-ġdid il-valur tal-multilateraliżmu bħala strument biex jintlaħaq dan l-għan; jisħaq fuq l-importanza li t-tħassib dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem jitqiegħed fil-qalba tar-relazzjonijiet diplomatiċi tal-UE mal-kontropartijiet kollha, b'mod partikolari ma' pajjiżi meqjusa bħala sħab strateġiċi; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jitqiegħdu fil-qalba tal-attività parlamentari tal-UE, inkluż billi s-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem jiġi aġġornat għal kumitat awtonomu; jinnota t-tnedija fis-26 ta' Awwissu 2022 ta' proġett pilota biex tiġi stabbilita akkademja diplomatika Ewropea;

8. Itenni li l-impenn ambizzjuż u r-retorika tal-politika barranija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem jeħtieġu li hija tmexxi b'eżempju sabiex tevita li ddgħajjef il-kredibbiltà tagħha meta topponi t-tnaqqis demokratiku globali; jappella lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, inkluż is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), jiżguraw li l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE u tal-Istati Membri qed jiġu implimentati b'mod konsistenti fil-politika barranija u ta' sigurtà komuni tal-UE; iħeġġiġhom, f'dan ir-rigward, jagħmlu użu mill-għodod diplomatiċi kollha, kemm privatament kif ukoll pubblikament, u kemm bilateralment kif ukoll f'fora multilaterali, biex iqajmu kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab; itenni t-talba tiegħu lill-UE biex tagħti attenzjoni partikolari biex tivvaluta u tipprevjeni kwalunkwe ksur marbut mal-politiki, il-proġetti u l-finanzjament tagħha stess, inkluż mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, f'pajjiżi terzi u biex toħloq mekkaniżmu għall-ilmenti għal individwi jew gruppi li d-drittijiet tagħhom setgħu ġew miksura mill-attivitajiet tal-UE f'dawn il-pajjiżi;

Il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna

9. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-involviment tal-Belarussja li jippermetti lir-Russja tniedi attakki fatali kontra l-Ukrajna mit-territorju tagħha; jesprimi, f'dan ir-rigward, in-niket profond tiegħu għat-tbatija tal-bniedem u jikkundanna l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mill-forzi armati Russi u l-alleati tagħhom fl-Ukrajna;

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

10. Jilqa' l-isforzi konġunti tal-UE, l-Istati Membri tagħha u s-soċjetà ċivili b'reazzjoni għall-gwerra; jilqa', barra minn hekk, is-solidarjetà murija minn għadd kbir ta' pajjiżi lejn l-Ukrajna, kif enfasizzat mill-pożizzjoni tagħhom matul is-sessjonijiet u l-voti tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-gwerra illegali fl-Ukrajna; itenni l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi diplomatiċi tal-UE lejn l-istati li astjenew minn jew ivvutaw kontra r-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-2 ta' Marzu 2022 dwar l-aggressjoni kontra l-Ukrajna u r-riżoluzzjonijiet li segwew dwar il-kwistjoni sabiex tiġi spjegata s-serjetà tal-aggressjoni tar-Russja u l-ħtieġa ta' rispons unanimu mill-komunità internazzjonali kontra dan il-ksur flagranti tad-dritt internazzjonali; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħtu lill-poplu Ukren l-appoġġ li jeħtieġ biex jiddefendi l-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali; jilqa' s-sanzjonijiet mingħajr preċedent imposti fil-kuntest tal-gwerra u jitlob li dawn jiġu implimentati b'mod koordinat; jistieden, barra minn hekk, lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-isforzi u jsaħħu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Russi indipendenti bl-għan li jgħinu biex jitqiegħdu l-pedamenti ta' demokrazija futura fir-Russja;

11. Jikkundanna bil-qawwa u huwa mħasseb ferm dwar l-atroċitajiet, id-delitti tal-gwerra u l-ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi l-vjolenza sesswali, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u t-tortura u l-qtil ta' persuni ċivili u priġunieri tal-gwerra, imwettqa mill-forzi armati Russi u l-prokuri tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; iħeġġeġ li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li dawk li wettqu delitti tal-gwerra u ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna jiġu identifikati u jinżammu responsabbli malajr kemm jista' jkun u biex jiġu pprovduti rimedji effettivi għad-danni mġarrba miċ-ċivili Ukreni; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikomplu joffru l-appoġġ sħiħ tagħhom għall-partijiet ikkonċeranti, il-miżuri u l-mekkaniżmi rilevanti għal dan il-għan, inklużi l-prosekuturi, l-investigaturi u l-ġudikatura Ukreni, il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), il-Kummissjoni ta' Inkjesta tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u investigazzjonijiet nazzjonali taħt il-prinċipju ta' ġurisdizzjoni universali; jilqa', f'dan ir-rigward, il-fatt li l-UE pprovdiet appoġġ lill-kapaċitajiet ta' investigazzjoni tal-QKI biex tgħinha żżid l-investigazzjonijiet tagħha dwar delitti tal-gwerra mwettqa fl-Ukrajna; jisħaq fuq l-importanza li jinġabru u jiġu ppreservati malajr l-evidenza ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità u jilqa' l-isforzi tas-soċjetà ċivili għal dan il-għan; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi l-assistenza kollha meħtieġa f'dan il-proċess, inkluż finanzjament mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI-Ewropa Globali), u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom f'dan il-proċess huma stess kull meta jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu dan; jilqa' l-mandat emendat tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għall-Ukrajna u l-proposta tal-Kummissjoni biex testendi l-mandat tal-Eurojust biex tappoġġja l-ġlieda kontra l-impunità f'kull sitwazzjoni; jitlob li tittieħed deċiżjoni infurmata dwar l-aktar soluzzjonijiet xierqa biex jinżammu responsabbli l-individwi u l-entitajiet responsabbli li ffaċilitaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u d-delitti tal-gwerra mwettqa fit-territorju tal-Ukrajna, li għandhom jinkludu l-attivar tal-prosekuzzjoni tad-delitti ta' agressjoni f'qorti internazzjonali mwaqqfa apposta jew taħt il-ġudikatura tal-QKI;

12. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jużaw l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jappoġġjaw il-ġlieda biex tinħeles l-Ukrajna mill-okkupanti tagħha u jagħtu għajnuna lin-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna u jfittxu appoġġ fl-Istati Membri tal-UE; jinnota li 8,8 miljun Ukren u Ukrena daħlu fl-UE mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li minnhom 4 miljun huma rreġistrati taħt protezzjoni temporanja jew skemi nazzjonali simili ta' protezzjoni fl-Ewropa; jilqa' l-espressjonijiet kollha ta' solidarjetà u assistenza murija lill-poplu Ukren miċ-ċittadini tal-UE, inkluż l-involviment tagħhom fl-għajnuna umanitarja, u jilqa' l-iskattar tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ([24]) sabiex tipprovdi protezzjoni u drittijiet immedjati għall-Ukreni spostati li jaslu fl-UE; jissottolinja l-importanza ta' finanzjament imsaħħaħ għall-pajjiżi ospitanti, inkluż enfasi akbar fuq l-aċċess għall-edukazzjoni, l-opportunitajiet ekonomiċi, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-integrazzjoni fis-soċjetajiet ospitanti; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu appoġġjati, fost l-oħrajn, dawk il-vittmi ta' vjolenza sesswali, abbażi tal-ġeneru u riproduttiva;

13. Jiddenunzja r-rilokazzjoni u d-deportazzjoni furzati tat-tfal Ukreni, inkluż minn istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, lejn il-Federazzjoni Russa u t-territorji okkupati mir-Russja fl-Ukrajna u l-adozzjoni furzata tagħhom mill-familji Russi; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprovdu appoġġ biex dawn it-tfal jiġu lokalizzati u jingħaqdu mill-ġdid mal-familji jew il-kustodji legali tagħhom;

([24]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalita' ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

14. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux ġustifikata u mhux provokata kontra l-Ukrajna kellha impatt tremend fuq is-sigurtà globali tal-ikel, peress li l-Ukrajna hija l-ħames l-akbar esportatur taċ-ċereali fid-dinja;

15. Jesprimi tħassib serju dwar is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari fl-Ukrajna, li huma f'periklu kostanti ta' bumbardamenti militari; jappella lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-komunità internazzjonali jistabbilixxu żoni ta' sikurezza madwar dawn l-installazzjonijiet nukleari;

It-titjib tal-politiki, l-istrumenti u d-diplomazija tal-UE biex jipproteġu u javvanzaw id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja

NDICI – Ewropa Globali u l-programm tematiku tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija

16. Jappella lill-UE tirrifletti dwar kif tippromwovi u l-aħjar tapplika approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-istrumenti u l-istrateġiji kollha tal-UE sabiex issaħħaħ il-politika barranija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u sabiex tadatta u tifforma s-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tevolvi; jenfasizza li l-NDICI – Ewropa Globali, inkluż il-programm tematiku tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, huwa wieħed mill-għodod ewlenin għad-dispożizzjoni tal-UE biex ittejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja u tgħin biex trawwem soċjetajiet reżiljenti, inklużivi u demokratiċi, filwaqt li tiġġieled kontra l-influwenza tar-reġimi awtoritarji; jisħaq li l-involviment tal-atturi tas-soċjetà ċivili lokali huwa essenzjali biex jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-pajjiżi tagħhom u jtenni t-talba tiegħu biex dawn jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ fl-attivitajiet esterni rilevanti kollha tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-assistenza imprezzabbli li bħalissa qed tingħata lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-attivisti mad-dinja kollha fl-ambitu tal-programm tematiku dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija tal-NDICI — Ewropa Globali u fl-ambitu tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija; jenfasizza l-importanza li l-NDICI – Ewropa Globali jkun involut fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija ma' sħab strateġiċi internazzjonali u lokali, fost l-oħrajn, permezz ta' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali mill-UE; jissottolinja r-rwol tal-Parlament fil-proċess ta' programmazzjoni tal-istrument u jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jaqsmu l-informazzjoni rilevanti kollha fil-ħin sabiex il-Parlament ikun jista' jaqdi r-rwol tiegħu kif minqux fit-trattati, b'mod partikolari waqt djalogi ġeopolitiċi ta' livell għoli mal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jinvolvu ruħhom fi djalogu mal-Parlament biex jiżguraw titjib f'dan ir-rigward;

17. Jenfasizza l-importanza ta' ppjanar fit-tul u appoġġ kontinwu għal proġetti u inizjattivi fl-ambitu tal-NDICI — Ewropa Globali, b'mod partikolari fir-rigward tar-reġjuni affettwati minn kunflitti, gwerer u diżastri naturali; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jintegraw l-appoġġ għad-demokrazija bħala prijorità trasversali fil-programmi tematiċi u ġeografiċi kollha tal-NDICI – Ewropa Globali;

18. Itenni t-talba tiegħu għal aktar trasparenza fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet ta' finanzjament fl-ambitu tal-NDICI – Ewropa Globali u għal kjarifika dwar il-mekkaniżmu u l-kriterji għas-sospensjoni ta' tali ftehimiet f'każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tal-prinċipji demokratiċi jew tal-istat tad-dritt, kif ukoll f'każijiet gravi ta' korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni toqgħod strettament lura milli tuża l-appoġġ baġitarju għall-gvernijiet ta' pajjiżi terzi bħala modalità operattiva f'pajjiżi li qed jaraw ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem

19. Jappoġġja bis-sħiħ il-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem fid-difiża u l-avvanz tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja permezz ta' impenn ma' pajjiżi terzi u kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, u r-rwol importanti tiegħu fit-titjib tal-effettività tal-politiki tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE permezz ta' sforzi biex tiżdied il-koerenza tagħhom; jissottolinja l-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn ir-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem u RSUE oħra dwar pajjiżi u reġjuni sabiex tittejjeb aktar din il-konsistenza, u jitlob viżibilità akbar għar-rwol tar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem; jenfasizza l-importanza li r-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem ikompli jikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi n-NU u r-Rapporteurs Speċjali tagħha maħtura mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u ma' rappreżentanti ta' jew mibgħuta minn pajjiżi oħra responsabbli għad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lir-RSUE jinvolvi ruħu aktar pubblikament fir-rigward tad-difensuri individwali tad-drittijiet tal-bniedem u jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ibbażati fl-UE u fil-pajjiżi; jissottolinja l-importanza tar-RSUE f'sitwazzjonijiet nazzjonali u reġjonali li jinvolvu ruħhom mal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u każijiet individwali; iħeġġeġ lir-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem jagħmel sforzi diplomatiċi biex isaħħaħ l-appoġġ tal-UE għad-dritt umanitarju internazzjonali u l-ġustizzja internazzjonali;

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

20. Itenni li l-ħatra tar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandha tkun soġġetta għal seduta ta' smigħ minn qabel fil-Parlament; jirrakkomanda l-istabbiliment ta' qafas li permezz tiegħu r-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem ikun responsabbli lejn il-Parlament għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma tar-RSUE fil-bidu tal-mandat tagħhom u għandu jagħti rapport fuq bażi regolari dwar il-progress lejn dawk l-għanijiet; jenfasizza li, għalkemm il-Parlament iżomm il-kooperazzjoni mas-SEAE, imsaħħa permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE ([25]) u d-dikjarazzjoni tal-2010 tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar ir-responsabilità politika, jeħtieġ li jissaħħaħ aktar il-qafas għar-relazzjonijiet interistituzzjonali bejn il-Parlament u s-SEAE, inklużi d-delegazzjonijiet tiegħu, dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li s-SEAE jeħtieġ li jinvolvi lill-Parlament fl-iżvilupp ta' noti ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE, bħal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-mekkaniżmi tal-UE dwar id-diliġenza dovuta u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, fost l-oħrajn, f'pajjiżi terzi;

21. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-isfidi li jinqalgħu fil-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-ġestjoni tar-relazzjonijiet esterni tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' ż-żieda fil-koordinazzjoni fost id-delegazzjonijiet tal-UE u l-kwartieri ġenerali tas-SEAE u d-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali fir-rigward ta' każijiet individwali urġenti li jappartjenu għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

Mibgħut Speċjali tal-UE għall-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin barra l-UE

22. Jinnota b'dispjaċir li l-kariga tal-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin barra l-UE baqgħet vakanti għal aktar minn sena; itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iwettqu valutazzjoni malajr, trasparenti u komprensiva tal-effikaċja u l-valur miżjud tal-pożizzjoni tal-Mibgħut Speċjali, inkluż f'termini tal-pożizzjoni istituzzjonali tiegħu, biex jipprovdu lill-Mibgħut Speċjali b'riżorsi umani u finanzjarji adegwati, u biex jappoġġjaw b'mod adegwat il-mandat istituzzjonali, il-kapaċità u d-dmirijiet tal-Mibgħut Speċjali; jilqa' l-ħatra fis-7 ta' Diċembru 2022 tas-Sur Frans van Daele bħala Mibgħut Speċjali għall-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin barra l-UE; ifakkar li d-dmirjiet tal-Mibgħut Speċjali għandhom jiffokaw fuq il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza, ir-reliġjon u t-twemmin, u d-drittijiet għan-nuqqas ta' twemmin, l-apostasija u t-tħaddin tal-fehmiet atei; jenfasizza li l-Mibgħut Speċjali għandu jagħti wkoll attenzjoni partikolari għall-konverżjoni furzata, l-użu ħażin tal-liġijiet dwar il-blasfemija u s-sitwazzjoni ta' dawk li ma jemmnux li jinsabu f'riskju;

23. Jirrakkomanda li l-Mibgħut Speċjali jaħdem mill-qrib u b'mod komplementari mar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jappella, barra minn hekk, li l-Mibgħut Speċjali jkollu konsultazzjonijiet regolari mal-Parlament u jikkoopera mal-kummissarji, il-mibgħuta u l-ambaxxaturi tal-Istati Membri responsabbli għall-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet;

Djalogi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u kuntatti bilaterali oħra ma' pajjiżi terzi

24. Jissottolinja li djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi jikkostitwixxu opportunità fejn issir enfasi fuq l-isfidi tad-drittijiet tal-bniedem u jitlob li dawn jitwettqu abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riżultati, jiġu riveduti ta' spiss u jiġu sfruttati għall-potenzjal sħiħ tagħhom; itenni l-appell tiegħu biex id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ikunu bbażati sa mill-bidu fuq sett ċar ta' punti ta' referenza li jippermettu li tiġi mmonitorjata l-effettività tagħhom; jitlob li s-SEAE jwettaq sistematikament u jikkomunika dwar l-evalwazzjonijiet tal-eżiti tad-djalogi u jsegwihom kif xieraq; jisħaq li, sabiex ikunu effettivi, id-djalogi ma jridux jintużaw bħala għodda waħedha, iżda minflok għandhom jiġu integrati fis-sett komprensiv ta' attivitajiet tal-UE, inklużi dawk relatati mal-politika ta' kummerċ tal-UE, mal-pajjiżi terzi kkonċernati, ħalli b'hekk id-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem tiġi ssimplifikata u jissaħħu l-messaġġi mwassla fid-djalogi; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jitqajmu każijiet individwali, b'mod partikolari dawk enfasizzati mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet tiegħu u r-rebbieħa u l-finalisti tal-Premju Sakharov li jinsabu f'riskju, fil-kuntest ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u li jiġu żgurati segwitu adegwat u rappurtar lill-Parlament dwar l-azzjoni meħuda f'dawn il-każijiet;

25. Jenfasizza l-importanza ta' konsultazzjoni sistematika, ġenwina, aċċessibbli u inklużiva mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati kollha matul il-proċess kollu ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem;

([25]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

26. Jilqa' t-tkomplija tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi li jirriżultaw minn kuntest aktar favorevoli għall-involviment; huwa tal-fehma li, fejn ma jiġi rrappurtat l-ebda progress tanġibbli wara sensiela ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ġara f'għadd ta' każijiet, l-UE għandha taġġusta l-għanijiet tagħha, inkluż fir-rigward tat-tmexxija usa' tar-relazzjonijiet bilaterali;

Delegazzjonijiet tal-UE

27. Iqis li huwa tal-akbar importanza li tittieħed kull azzjoni possibbli biex titqajjem kuxjenza dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-delegazzjonijiet tal-UE u jħeġġeġ lid-delegazzjonijiet kollha jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa ta' dawn il-Linji Gwida; itenni, f'dan ir-rigward, it-talba tiegħu lid-delegazzjonijiet tal-UE u lill-"punti fokali" tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi biex jagħmlu ħidma aktar involuta billi jipprovdu appoġġ regolari lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi r-rebbieħa u l-finalisti tal-Premju Sakharov f'riskju, u billi jindirizzaw bir-reqqa suġġetti u każijiet individwali mqajma fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt; jappella lill-uffiċjali fid-delegazzjonijiet tal-UE jqajmu każijiet ta' oppressjoni u persekuzzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-oppożizzjoni demokratika u tal-attivisti tas-soċjetà ċivili lill-awtoritajiet tal-istat, u jekk l-individwi affettwati jkunu detenuti, jimmonitorjaw is-sitwazzjonijiet tagħhom, iżuruhom fil-ħabs, jattendu l-proċeduri tal-proċess tagħhom u jqajmu l-każijiet tagħhom fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-UE twettaq mal-pajjiżi kkonċernati;

28. Jiġbed l-attenzjoni għall-każijiet li fihom il-missjonijiet tal-Istati Membri tal-UE u d-delegazzjonijiet tal-UE ħadu approċċi differenti dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi, għalkemm l-Istati Membri tal-UE jikkondividu impenn komuni dwar din il-kwistjoni; jissottolinja li l-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE, bħad-delegazzjonijiet tal-UE, għandu jkollhom rwol dejjem akbar fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll fl-appoġġ tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi; jappella lid-delegazzjonijiet tal-UE jistabbilixxu gruppi ta' ħidma dwar id-drittijiet tal-bniedem li jlaqqgħu flimkien is-servizzi rilevanti tal-ambaxxati tal-Istati Membri u tad-delegazzjonijiet tal-UE, u jikkooperaw mill-qrib mar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi terzi kkonċernati;

Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (GHRSR – l-Att Magnitsky tal-UE)

29. Jilqa' l-fatt li r-Reġim Globali tas-Sanzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE qed jintuża dejjem aktar bħala għodda essenzjali li ssaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala attur globali tad-drittijiet tal-bniedem permezz tal-użu ta' sanzjonijiet immirati mill-Kunsill; jitlob li l-miżuri restrittivi li diġà ġew adottati jiġu implimentati b'mod effettiv, sħiħ u koordinat, u għall-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali jekk ikun meħtieġ; jappella lill-UE tagħmel użu aktar dinamiku ta' din l-għodda bħala komponent integrali tal-politika barranija tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; jitlob l-applikazzjoni rigoruża, konsistenti u uniformi ta' miżuri restrittivi fl-Istati Membri kollha u l-monitoraġġ tagħhom bħala prekundizzjoni għall-kredibbiltà u l-effettività tal-azzjoni esterna tal-UE; jappella lill-UE taħdem ma' sħab tal-istess fehma biex tħeġġeġ lil aktar pajjiżi jadottaw reġimi ta' sanzjonijiet u tikkoordina l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi mmirati b'mod konġunt sabiex tiġi massimizzata l-effettività tagħhom fil-livell globali; jilqa' l-impenn tal-President tal-Kummissjoni fid-Diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022 li tippreżenta miżuri biex taġġorna l-qafas leġiżlattiv tal-UE għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u li tinkludi l-korruzzjoni fil-GHRSR tal-UE, li huwa konformi mal-pożizzjoni tal-Parlament, sabiex jiġu mmirati b'mod effettiv il-faċilitaturi ekonomiċi u finanzjarji ta' dawk li jabbużaw mid-drittijiet tal-bniedem; itenni t-talba tiegħu għall-introduzzjoni ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill u l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet taħt il-GHRSR; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħmlu ħilithom biex jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament għal sanzjonijiet immirati futuri, kif stipulat fir-riżoluzzjonijiet tiegħu u bnadi oħra;

30. Jilqa' l-elenkar li sar fl-2021 fl-ambitu tal-GHRSR tal-UE; jistieden lill-Kunsill, lill-Istati Membri u lis-SEAE jiżviluppaw strateġija biex itejbu l-interazzjoni bejn il-GHRSR tal-UE u r-reġimi ta' sanzjonijiet ġeografiċi, b'mod partikolari billi jsir użu aħjar mill-GHRSR tal-UE biex jiġi indirizzat il-ksur li ma jistax ikun marbut direttament ma' stat, pereżempju f'każijiet fejn merċenarji jwettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'territorji barra mill-kontroll tal-gvern jew f'każijiet transfruntiera, bħat-traffikar tal-bnedmin;

31. Jesprimi tħassib serju dwar u jikkundanna l-politiki deliberati ta' xi pajjiżi ta' arrest, detenzjoni arbitrarja u prosekuzzjoni tal-barranin, inklużi ċittadini tal-UE, fuq akkużi foloz għal skopijiet ta' propaganda, biex il-priġunieri jintużaw bħala strument ta' negozjar u skambju internazzjonali jew bħala mezz biex issir pressjoni politika; jisħaq li l-implimentazzjoni ta' politika bħal din jikkostitwixxi att ta' teħid ta' ostaġġi skont it-tifsira tal-Konvenzjoni Internazzjonali Kontra t-Teħid ta' Hostaġġi; jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jipprevjenu tali atti u jwissu liċ-ċittadini tal-UE, speċjalment dawk b'ċittadinanza doppja, dwar ir-riskju li jiġu arrestati meta jżuru ċerti pajjiżi; jistieden lill-Kunsill jikkunsidra l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi skont il-GHRSR tal-UE għal persuni jew entitajiet responsabbli għall-arrest arbitrarju jew id-detenzjoni ta' ċittadini tal-UE bħala "ostaġġi statali";

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

Il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem

32. Jisħaq li l-korruzzjoni ddgħajjef serjament il-governanza demokratika, ixxekkel it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem mad-dinja kollha, tiffaċilita u tipperpetwa l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt u taffettwa b'mod sproporzjonat l-individwi u l-gruppi l-aktar vulnerabbli u emarġinati fis-soċjetà; jitlob li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tkun parti mill-isforzi u l-politiki kollha tal-UE għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, billi tkun ifformulata strateġija globali dedikata kontra l-korruzzjoni, inklużi programmi taħt l-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE u jittejjeb ir-rwol ta' skrutinju tal-Parlament; jissottolinja l-akbar importanza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jmexxu bl-eżempju billi jiġġieldu l-korruzzjoni marbuta ma' atturi bbażati fl-UE, japplikaw l-ogħla standards ta' trasparenza għall-finanzjament estern tagħhom u billi jżidu l-appoġġ tagħhom għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-attivisti u l-ġurnalisti investigattivi involuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

33. Jappella lill-UE taħdem biex tipproponi l-ħolqien ta' sett ta' standards kontra l-korruzzjoni li jkunu applikabbli b'mod uniformi mad-dinja kollha, biex tippromwovi l-istabbiliment ta' korpi effettivi kontra l-korruzzjoni u l-adozzjoni ta' oqfsa regolatorji robusti u biex tindirizza ġurisdizzjonijiet ta' segretezza u rifuġji fiskali; jinkoraġġixxi l-promozzjoni tal-kooperazzjoni fost l-UE, l-Istati Membri tagħha, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari fil-livelli ġudizzjarji, tal-infurzar tal-liġi u tal-intelligence, bl-għan li jiġu skambjati l-aħjar prattiki u għodod effettivi fl-azzjoni biex tiġi indirizzata u evitata l-korruzzjoni; jitlob li ssir ħidma favur il-ħolqien ta' qorti internazzjonali kontra l-korruzzjoni taħt is-superviżjoni tan-NU;

Klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem fi ftehim internazzjonali

34. Itenni t-talba tiegħu biex jiġu inklużi klawsoli robusti dwar id-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi, appoġġjati minn sett ċar ta' punti ta' referenza u proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' ksur; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jirriflettu b'mod attiv dwar kif jiżguraw li l-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali eżistenti jiġu infurzati b'mod effettiv u li jsir il-monitoraġġ tagħhom; jisħaq li l-UE għandha tirreaġixxi malajr u b'mod deċiżiv għal ksur persistenti tal-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi, inkluż billi tissospendi l-ftehimiet rilevanti jekk għażliet oħra jirriżultaw ineffettivi; jenfasizza li r-rieżami tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) tal-UE, il-proċess leġiżlattiv li għaddej bħalissa għal regolament ġdid dwar is-SĠP u r-rieżami tal-implimentazzjoni mill-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP tal-konvenzjonijiet internazzjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tax-xogħol, joffru opportunità biex jissaħħaħ l-impenn favur ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi kkonċernati;

35. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tinnegozja ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) ma' pajjiżi terzi, biex titlobhom jirratifikaw il-konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin relatati mad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u l-ambjent, inkluż il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; jisħaq li r-ratifika ta' dawn il-konvenzjonijiet minn pajjiżi terzi idealment għandha sseħħ qabel ma jiġu konklużi n-negozjati tal-FTA, sabiex il-konformità ma' dawn il-konvenzjonijiet tkun elevata għal aspett essenzjali tal-FTAs u li jkun hemm qbil dwar klawżoli ddedikati; jitlob, barra minn hekk, li l-klawżoli sostantivi inklużi fil-FTAs jipprevedu li l-Istati Parti jeħtiġilhom jirrispettaw u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-dritt konswetudinarju u l-konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom huma parti;

36. Jisħaq fuq l-importanza u jitlob għat-titjib sostanzjali tal-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibilità (VIS) *ex ante* u *ex post*; jisħaq li l-objettiv tal-VIS għandu jkun li jiġi żgurat li l-ftehim li qed jiġi nnegozjat, fil-klawżoli dettaljati u fformulati tiegħu, jipprovdi biżżejjed għodod biex jiġu evitati impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem; jirrakkomanda li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu parti mit-tmexxija tal-VIS, li l-valutazzjonijiet jitwettqu minn esperti tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u li jitqies il-kontribut mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija

37. Jenfasizza li s-sena 2022 hija l-10 anniversarju mid-deċiżjoni tal-Parlament li jeżerċita tmexxija politika biex jimpenja ruħu għal avvanz kbir fl-attivitajiet tiegħu ta' appoġġ għad-demokrazija, li huwa implimenta permezz ta' Approċċ Komprensiv ta' Appoġġ għad-Demokrazija mill-2014; jilqa', b'mod partikolari, l-appoġġ tiegħu għall-bini tal-kapaċità għall-parlamenti sħab, il-medjazzjoni u t-trawwim ta' kultura ta' djalogu u kompromess, inkluż fost mexxejja politiċi żgħażagħ, kif ukoll għall-għoti tas-setgħa lin-nisa parlamentari, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lir-rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-media ħielsa; jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssegwi u żżid l-attivitajiet tagħha f'dawn l-oqsma u ssaħħaħ il-finanzjament u l-assistenza għall-korpi u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq għotjiet, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni; jissottolinja li fil-kuntest attwali ta'

tensjonijiet globali akbar u repressjoni f'numru dejjem jikber ta' pajjiżi, appoġġ dirett għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u nies li jesprimu opinjonijiet kritiċi u li ma jaqblux huwa tal-akbar importanza;

38. Jisħaq fuq l-importanza tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE u l-kontribut tal-Parlament għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-metodoloġija tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tikkunsidra li taġġorna l-metodoloġija tal-osservazzjoni tal-elezzjonijiet biex tirrifletti l-iżviluppi tal-aħħar għoxrin sena; iħeġġeġ lill-pajjiżi terzi jimplimentaw fil-prattika r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE bl-għan li jtejbu l-organizzazzjoni u l-ambjent għal proċessi elettorali futuri u b'hekk iżidu t-trasparenza u l-legalità tagħhom sabiex itejbu l-istandards demokratiċi tal-istati kkonċernati; jisħaq fuq l-importanza li jiżdied l-appoġġ tal-UE għall-osservaturi elettorali lokali, b'mod partikolari f'termini ta' protezzjoni; itenni t-talba tiegħu lill-UE biex tikkollabora mill-qrib mal-organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali, bħall-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE, il-Kunsill tal-Ewropa u l-organizzazzjonijiet l-oħra li approvaw id-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji għall-Osservazzjoni Internazzjonali tal-Elezzjonijiet;

Il-multilateraliżmu u l-ħidma tal-UE f'livell multilaterali

39. Jafferma mill-ġdid li l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja tirrikjedi kooperazzjoni internazzjonali b'saħħitha f'livell multilaterali; jissottolinja r-rwol partikolarment importanti tan-NU u tal-korpi tagħha bħala l-forum ewlieni li jrid ikun kapaċi javvanza b'mod effettiv l-isforzi għall-paċi u għas-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġjaw il-ħidma tan-NU, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament, inklużi l-korpi kollha tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU, b'mod partikolari l-korpi tat-trattati u l-proċeduri speċjali; jistieden lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, għal dan il-għan, jipprovdi riżorsi xierqa mill-baġit tan-NU u jħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-kontribuzzjonijiet volontarji tagħhom; jissottolinja l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu ħilithom biex jitkellmu b'vuċi waħda kemm fin-NU kif ukoll f'fora multilaterali oħra, u b'dan il-mod jippromwovu l-ogħla standards dwar id-drittijiet tal-bniedem; ifakkar fl-obbligi tal-istati membri kollha tan-NU li jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha, kif minquxa fil-Karta Fundatriċi tan-Nazzjonijiet Uniti u fir-Riżoluzzjoni 60/251 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU; jiddeplora l-fatt li żewġ membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU huma responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem li jammonta għal delitti tal-gwerra u saħansitra ġenoċidju; jistieden lill-istati membri tan-NU jżommu milli jieħdu passi lura li jdgħajfu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq fuq ir-responsabbiltà tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU li jindirizza l-ksur serju kollu tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; jiddeplora l-fatt li għadd ta' membri tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU wrew nuqqas sfaċċat ta' rispett għall-obbligi tagħhom b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, għandhom rekord ikkonfermat ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u naqsu milli jikkooperaw mal-mekkaniżmi tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem; jappella, f'dan ir-rigward, għal riforma fundamentali tal-kriterji għall-membri tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU; jistieden lis-SEAE jibda u jmexxi sforz lejn pożizzjoni koordinata tal-UE u tal-Istati Membri dwar is-sħubija fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, li tippromwovi trasparenza akbar fil-proċess elettorali, b'mod partikolari billi tagħmel il-voti tal-Istati Membri tal-UE pubbliċi u tipprovdi r-raġuni wara dak il-vot, trawwem proċess ġenwinament kompetittiv billi tiżgura li t-tliet blokok reġjonali li l-Istati Membri tal-UE huma membri tagħhom jippreżentaw aktar kandidati milli siġġijiet, u tipprovdi akkontabbiltà għall-kandidati billi tiskrutinizza l-wegħdiet volontarji tagħhom u r-rekords ta' kooperazzjoni mal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, il-korpi tat-trattati u l-proċeduri speċjali tan-NU;

40. Jikkundanna bil-qawwa l-attakki kollha kontra d-detenturi ta' mandat ta' proċedura speċjali tan-NU u kontra l-indipendenza tal-mandati tagħhom; jistieden lill-Istati Membri u lis-sħab demokratiċi tal-UE jopponu b'mod deċiżiv dawn it-tentattivi u jippromulgaw il-miżuri kollha possibbli biex jgħinu bl-għan li jipprovdu spazji sikuri u miftuħa għall-individwi u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jinteraġixxu man-NU, mar-rappreżentanti tagħha u mal-mekkaniżmi tagħha; jenfasizza l-ħidma tal-kummissjonijiet ta' inkjesta u tal-missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni tan-NU, li qed jintużaw dejjem aktar biex jirrispondu għal sitwazzjonijiet li jinvolvu ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u għall-ġlieda kontra l-impunità;

41. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġjaw it-tisħiħ tas-sistemi reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' assistenza finanzjarja u kondiviżjoni ta' esperjenzi transreġjonali; jenfasizza, b'mod partikolari, ir-rwol kritiku tal-korpi ta' monitoraġġ u tal-mekkaniżmi ġudizzjarji stabbiliti taħt dawn is-sistemi reġjonali u l-komplementarjetà tagħhom mas-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU;

42. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri jmexxu l-isforzi f'fora multilaterali biex jippromwovu l-adozzjoni ta' definizzjoni tat-terroriżmu li tkun rikonoxxuta universalment, filwaqt li jżommu f'moħħhom l-objettiv li jiġġieldu kontra din il-pjaga; jitlobhom ikomplu jmexxu l-isforzi, fil-kuntest tat-Tmien Rieżami tal-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

fl-2023, biex idaħħlu lingwaġġ qawwi li jirrikonoxxi l-impatt negattiv li l-użu ħażin tal-liġijiet u tal-politiki kontra t-terroriżmu kellu fuq l-ispazju ċiviku u jħeġġeġ lill-istati kollha jieħdu l-passi meħtieġa biex jirriformaw jew iħassru l-leġiżlazzjoni tagħhom kontra t-terroriżmu biex jiżguraw li din ma jkollhiex impatt negattiv fuq is-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE u lill-Istati Membri jmexxu l-isforzi fil-fora tan-NU biex jistabbilixxu djalogu kostruttiv mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u jiżguraw li jkunu involuti b'mod sinifikanti fl-istadji kollha tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tal-politiki kontra t-terroriżmu;

43. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-attakki dejjem jiżdiedu minn reġimi awtoritarji kontra l-ordni globali bbażata fuq ir-regoli, li jagħmlu dan billi jisfidaw u jirrelattivizzaw l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, jaffermaw li huma strument ta' eġemonija kulturali użata mill-pajjiżi tal-Punent, jgħawru d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem billi jinterpretawh mill-ġdid, u jikkompromettu l-funzjonament tal-korpi u tal-mekkaniżmi tan-NU biex iżommu lill-istati akkontabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li l-UE jeħtiġilha ssostni d-difiża tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem bħala prijorità ewlenija, u għal dan il-għan, tmexxi patt u taħdem f'alleanza ma' demokraziji oħra u ma' sħab tal-istess fehma biex issaħħaħ l-organizzazzjonijiet multilaterali u tiddefendi l-ordni globali bbażata fuq ir-regoli kontra setgħat awtoritarji dejjem jikbru; jissottolinja li l-effettività mnaqqsa tal-korpi tan-NU ġġib magħha kostijiet reali f'termini ta' kunflitti, ħajjiet mitlufa u tbatija umana, u ddgħajjef serjament il-kapaċità ġenerali tal-pajjiżi li jindirizzaw l-isfidi globali; jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lis-sħab tal-istess fehma jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex ireġġgħu lura din it-tendenza;

44. Jissottolinja l-ħtieġa li jitwettaq rieżami imparzjali, ġust u trasparenti tal-applikazzjonijiet għal status konsultattiv fil-Kunsill Ekonomiku u Soċjali (ECOSOC) tan-NU minn organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs); jappella li jittieħdu passi biex jiġi stabbilit siġġu għall-Unjoni stess f'kull forum multilaterali, inkluż il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, flimkien mas-siġġu permanenti li diġà jeżisti ta' wieħed mill-Istati Membri fuq il-Kunsill tas-Sigurtà, li jsaħħaħ il-kapaċità tal-UE li taġixxi, kif ukoll il-konsistenza u l-kredibbiltà tagħha fid-dinja; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipparteċipaw fid-dibattitu ġenerali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u jħeġġeġ lill-membri tal-ECOSOC ikomplu jindirizzaw l-ostakli mhux ġustifikati li l-NGOs jiffaċċjaw biex jiksbu l-akkreditazzjoni ECOSOC tagħhom, b'mod partikolari dawk li l-applikazzjonijiet tagħhom ilhom pendenti għal żmien twil ħafna;

Is-sostenn tad-dritt umanitarju internazzjonali

45. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' rispett dejjem jikber għad-dritt umanitarju internazzjonali u għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikoli fil-kunflitti li għaddejjin madwar id-dinja; jissottolinja bħala tal-akbar importanza l-fatt li l-aġenziji ta' għajnuna umanitarja u l-organizzazzjonijiet tal-karità jkunu jistgħu jipprovdu assistenza sħiħa, f'waqtha u mingħajr xkiel lill-popolazzjonijiet vulnerabbli kollha u jistieden lill-partijiet kollha f'kunflitti armati jipproteġu l-popolazzjonijiet ċivili u l-ħaddiema umanitarji, mediċi, tal-media u fil-qasam edukattiv; jappella għall-ħolqien sistematiku ta' kurituri umanitarji f'reġjuni involuti fi gwerra u f'sitwazzjonijiet ta' ġlied sabiex iċ-ċivili f'riskju jkunu jistgħu jaħarbu l-kunflitt, u jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe attakk fuqhom;

46. Ifakkar li d-dritt umanitarju internazzjonali għandu jiggwida l-politiki tal-UE b'rabta ma' sitwazzjonijiet ta' okkupazzjoni jew annessjoni ta' territorju u jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom fir-rigward ta' dawk is-sitwazzjonijiet; jenfasizza r-responsabbiltà tal-kumpaniji bbażati fl-UE li japplikaw l-aktar politiki stretti ta' diliġenza dovuta fil-konfront ta' kwalunkwe attività ekonomika jew finanzjarja fit-territorji kkonċernati jew magħhom, u li jiżguraw konformità stretta mad-dritt internazzjonali u mal-politika ta' sanzjonijiet tal-UE meta applikabbli;

Il-ġlieda kontra l-impunità u t-tisħiħ tal-ġustizzja kriminali internazzjonali

47. Jisħaq fuq ir-rabta bejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-impunità mifruxa u n-nuqqas ta' akkontabbiltà fir-reġjuni u fil-pajjiżi milquta mill-kunflitti; jilqa' b'sodisfazzjon il-kontribut kontinwu tal-QKI għall-ġlieda kontra l-impunità; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprovdu lill-QKI b'appoġġ sufiċjenti biex tkun tista' twettaq il-ħidma tagħha; itenni l-kundanna tiegħu tal-isforzi kontinwi biex jiġu kompromessi l-leġittimità u l-ħidma tal-QKI; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jikkontrattakkawhom u jirrispondu għat-theddid u għas-sanzjonijiet kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u x-xhieda li jikkooperaw mal-QKI; jisħaq fuq ir-rwol vitali tal-QKI fit-twettiq ta' investigazzjonijiet ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jikkooperaw mal-QKI fil-ġlieda u fil-prevenzjoni ta' tali delitti; jilqa' l-appoġġ kontinwu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha

għall-QKI u jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jabbinaw dan l-impenn mal-finanzjament sostenibbli meħtieġ biex issir ġustizzja fis-sitwazzjonijiet kollha li jispiċċaw quddiem il-QKI;

48. Jappella lill-UE tappoġġja lill-Prosekutur tal-QKI fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni tal-awturi suspettati b'delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u, possibbilment, ġenoċidju billi tipprovdi appoġġ politiku, tiġbor kwalunkwe evidenza fil-pussess tagħha u tagħmilha disponibbli, inklużi intelligence, informazzjoni u data minn sorsi miftuħa, immaġnijiet bis-satellita u komunikazzjonijiet interċettati, u tipprovdi riżorsi umani u finanzjarji adegwati għall-baġit ġenerali tal-QKI sabiex l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha jiġu protetti bis-sħiħ;

49. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinkoraġġixxu lill-pajjiżi sħab jirratifikaw it-Trattat ta' Ruma u b'hekk jespandu l-ġuriżdizzjoni tal-QKI; jappella lill-UE taġixxi f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali ([26]), filwaqt li żżomm pożizzjoni b'saħħitha dwar id-delitt ta' aggressjoni skont l-appell tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-17 ta' Lulju 2014 dwar id-delitt tal-aggressjoni ([27]);

50. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE komprensiv dwar il-ġlieda kontra l-impunità, li għandu jinkludi, fost l-oħrajn, kapitoli dwar ir-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-impunità u l-protezzjoni tagħhom fis-sitwazzjonijiet kollha li jeħtiġuha, u dwar miżuri għall-ġlieda kontra l-impunità għall-vjolenza sesswali abbażi tal-ġeneru, inkluż ksur b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) f'kuntesti ta' kunflitt; jappella lill-UE u lis-sħab internazzjonali tagħha jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti kollha rilevanti biex jiġġieldu l-impunità, inkluż l-appoġġ għal ġuriżdizzjoni universali fil-livell nazzjonali, tribunali speċjali fil-livell nazzjonali u internazzjonali inkluż għad-delitt ta' aggressjoni, kif ukoll biex jistabbilixxu kooperazzjoni flessibbli u mekkaniżmi ta' finanzjament biex jiġbru u janalizzaw malajr l-evidenza tad-delitti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li dawn l-istrumenti jiġu applikati b'mod koordinat u komplementari ma' strumenti oħra rilevanti tal-UE u tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa programm biex tibni l-kapaċità kemm tal-Istati Membri kif ukoll ta' pajjiżi terzi biex japplikaw il-prinċipju ta' ġuriżdizzjoni universali fis-sistemi legali domestiċi tagħhom;

Progress favur l-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt u l-prevenzjoni tat-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin

51. Itenni l-oppożizzjoni ta' prinċipju tiegħu għall-piena tal-mewt, li hija kastig krudili, inuman u degradanti u hija irriversibbli; jisħaq li l-UE trid tkun kostanti hi u tfittex li tilħaq l-għan tagħha tal-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt bħala objettiv ewlieni tal-politika barranija tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiddefendu l-abolizzjoni fil-fora internazzjonali kollha u jippromwovu l-akbar appoġġ possibbli għal din il-pożizzjoni; jinkoraġġixxi l-isforzi kontinwi tal-korpi tan-NU dwar l-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU; jikkundanna bil-qawwa l-infurzar, fid-dinja kollha, tal-liġijiet dwar il-blasfemija li jimplikaw il-possibbiltà tal-piena tal-mewt f'każ ta' kundanna; itenni li l-libertà li wieħed jagħżel ir-reliġjon tiegħu, inkluż li jkun jemmen jew ma jemminx, tibqa' dritt fundamentali tal-bniedem li ma jistax jiġi kkastigat bil-mewt jew bi kwalunkwe trattament degradanti; jistieden lill-pajjiżi kollha li għadhom ma għamlux dan biex jabolixxu l-piena tal-mewt jew jistabbilixxu moratorju immedjat bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tagħha; jistieden, barra minn hekk, lill-pajjiżi kkonċernati jnaqqsu l-lista tad-delitti jew tar-reati punibbli bil-mewt; jappella li jkun hemm trasparenza fir-rigward tas-sentenzi tal-mewt u tal-eżekuzzjonijiet f'pajjiżi li ma jiżvelawx din l-istatistika;

52. Jikkundanna kwalunkwe inċident ta' tortura, trattament inuman jew degradanti, għajbien furzat, detenzjonijiet arbitrarji u qtil illegali u jiddeplora l-fatt li dawn għadhom komuni f'ħafna pajjiżi; jinnota bi tħassib kbir it-tendenza ta' żieda fil-każijiet ta' tortura mad-dinja kollha u l-impunità mifruxa għal min iwettaq tali tortura; jirrikonoxxi r-rwol importanti li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom fil-ġlieda kontra t-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin;

([26]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2003/444/PESK (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 56).

([27]) ĠU C 224, 21.6.2016, p. 31.

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

Nirrispondu għall-isfidi globali tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija

Ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru minnha

53. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-konsegwenzi negattivi fit-tul tal-pandemija tal-COVID-19 kemm fuq l-istat ġenerali tad-demokrazija kif ukoll tad-drittijiet tal-bniedem mad-dinja kollha; jenfasizza l-impatt avvers sproporzjonat fuq gruppi fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi nisa, tfal, persuni b'diżabilità, persuni li jgħixu b'ċertu mard kroniku, l-anzjani, persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, mhux binarji, intersesswali u queer (LGBTIQ), persuni foqra, persuni li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi, ta' twemmin u reliġjużi, rifuġjati u migranti, u persuni li jinsabu l-ħabs jew f'detenzjoni; jinsab imħasseb ukoll dwar id-dewmien u l-ostakli fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u ż-żieda konsegwenti f'każijiet ta' tqala mhux intenzjonata, vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, aborti mhux sikuri, u mwiet materni u tat-trabi tat-twelid; jinnota b'dispjaċir l-użu ta' miżuri ta' prevenzjoni tal-COVID-19 bħala skuża biex jiġu miċħuda ż-żjarat minn membri tal-familja jew avukati f'faċilitajiet ta' detenzjoni u biex jiġu miksura d-drittijiet tad-detenuti; ifaħħar ir-rwol li kellhom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti, li xi drabi saħansitra rriskjaw ħajjithom stess, fir-rappurtar jew fit-tentattiv li jipprevjenu ksur tad-drittijiet tal-bniedem matul il-pandemija;

54. Itenni li t-tgawdija tal-ogħla standard ta' saħħa li jista' jinkiseb u l-aċċess universali għall-kura tas-saħħa huma fost id-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem mingħajr distinzjoni; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw id-difiża ta' dawn id-drittijiet, speċjalment f'pajjiżi u reġjuni fejn is-servizzi tas-saħħa huma l-aktar skarsi u jħeġġeġ lill-pajjiżi biex jagħmlu progress fl-iffaċilitar tal-aċċess għas-servizzi tas-saħħa; jasserixxi li l-UE għandha tkompli tiffinanzja l-iżvilupp u l-provvista globali tal-vaċċini kontra l-COVID-19, tipprovdi edukazzjoni dwar il-benefiċċji tat-tilqim u żżid id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tat-tilqim sabiex jiġi evitat mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċini;

55. Itenni li l-libertà personali, il-libertà ta' għaqda, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin u l-libertà tal-espressjoni huma pedamenti tad-demokrazija; jinsab imħasseb ħafna bl-użu dejjem jikber ta' teknoloġiji ta' sorveljanza tal-massa, b'mod partikolari minn reġimi awtoritarji, biex inaqqsu dawn il-libertajiet, li żdiedu aktar taħt il-pretest ta' miżuri ta' prevenzjoni tal-COVID-19; jappella għal projbizzjoni stretta u effettiva fuq il-bejgħ ta' teknoloġiji ta' sorveljanza tal-massa; jappella għal rispons akbar għall-infiltrazzjoni tal-massa tad-diżinformazzjoni u t-teoriji ta' komplott fi ħdan l-isfera diġitali, imwettqa fil-biċċa l-kbira iżda mhux esklużivament minn reġimi awtoritarji, kif ukoll minn atturi mhux statali;

Id-drittijiet tan-nisa, it-tishih tal-pożizzjoni tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

56. Jikkundanna l-fatt li s'issa l-ebda pajjiż fid-dinja għadu ma kiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jissottolinja l-persistenza ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u diskriminazzjoni intersezzjonali mifruxa f'kull reġjun tad-dinja; jissottolinja li n-nisa u l-bniet jibqgħu jisfaw il-vittmi ewlenin fi kriżijiet vjolenti u li l-vjolenza sesswali, abbażi tal-ġeneru u riproduttiva għadha għaddejja f'ħafna postijiet madwar id-dinja, u tintuża b'mod partikolari f'kunflitti armati bħala arma tal-gwerra; jisħaq li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti, il-ġurnalisti u l-avukati nisa ġew immirati b'mod partikolari, u li dawn jiffaċċjaw fastidju u intimidazzjoni online li qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla kif ukoll theddid u attakki kontinwi;

57. Jenfasizza bi tħassib kbir iż-żieda fil-vjolenza abbażi tal-ġeneru u dik domestika u jiddeplora r-rigressi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati kemm fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll f'dawk żviluppati; itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jappoġġjaw bis-sħiħ id-dritt tan-nisa għall-integrità fiżika, għad-dinjità u għal teħid awtonomu ta' deċiżjonijiet u biex jiġġieldu b'mod effettiv il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, minkejja l-isforzi tal-UE, in-nisa għadhom minoranza f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, jaqilgħu inqas mill-irġiel għall-istess responsabbiltajiet u pożizzjonijiet u l-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħhom huma sottovalutati jew kompromessi minħabba l-ġeneru tagħhom;

58. Jappella lill-UE u lis-sħab internazzjonali tagħha biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa, mill-bniet u minn gruppi vulnerabbli, u biex jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd; jappella għall-eradikazzjoni mad-dinja kollha tal-liġijiet u tal-prattiki li jipprevjenu lin-nisa milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari d-drittijiet għall-edukazzjoni, ix-xogħol u l-parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u pubbliċi; jiddeplora sitwazzjonijiet fejn nisa u unitajiet domestiċi mmexxija min-nisa, b'mod partikolari f'żoni ta' kriżi umanitarja, ma jingħatawx aċċess għal għajnuna umanitarja u servizzi essenzjali minħabba li l-awtoritajiet nazzjonali u lokali jinsistu li dawn is-servizzi jiġu pprovduti minn ħaddiema nisa, filwaqt li fl-istess ħin jillimitaw l-aċċess tan-nisa għall-impjiegi; jistieden lill-istati li għadhom ma għamlux dan biex jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;

59. Jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe użu ta' żwieġ prekoċi u furzat, arrest domiċiljari, stupru u trattament degradanti ieħor kontra n-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem jindirizzaw il-kwistjoni taż-żwieġ prekoċi u furzat;

60. Ifakkar lill-istati fl-obbligu tagħhom li jiggarantixxu aċċess għal servizzi komprensivi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inklużi metodi kontraċettivi moderni, abort sikur u legali, kura tas-saħħa materna, ta' qabel it-twelid u ta' wara t-twelid, riproduzzjoni assistita u aċċess għall-edukazzjoni u informazzjoni dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, mingħajr ebda forma ta' diskriminazzjoni; jappella biex id-drittijiet u l-protezzjonijiet legali jissaħħu aktar u biex jitneħħew l-ostakli għall-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati b'mod globali; itenni t-talba tiegħu li d-dritt għal abort sikur u legali jiġi inkluż fil-Karta; jilqa' l-pubblikazzjoni tal-linji gwida aġġornati tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa li jipprovdu rakkomandazzjonijiet ewlenin għas-sistemi tas-saħħa biex jipprovdu kura għall-abort; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw u jippromwovu bis-sħiħ is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inkluż l-aċċess għall-abort, f'relazzjonijiet multilaterali u bilaterali f'konformità mad-dritt u l-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

61. Jappella għal sforzi aktar koordinati biex jiġi eliminat l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra u tiġi miġġielda l-impunità għal dawk li jkunu wettqu tali vjolenza; jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-isforzi biex il-prattika tal-mutilazzjoni ġenitali femminili tiġi eradikata kompletament mad-dinja kollha; jappella għal impenn u appoġġ aktar b'saħħithom min-naħa tal-UE għall-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa f'pajjiżi terzi fl-isforzi kollha tagħha għall-prevenzjoni u għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll għaż-żamma tal-paċi, l-għajnuna umanitarja u l-operazzjonijiet ta' rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti, il-ġustizzja tranżizzjonali u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-riformi demokratiċi, b'enfasi partikolari fuq id-drittijiet tan-nisa li jsofru ostilità, diskriminazzjoni jew stigmatizzazzjoni, li huma tqal jew li għadhom kemm welldu, jew li huma qiegħda jew jinsabu fi stat ta' faqar;

62. Itenni l-ħtieġa ta' azzjoni robusta biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-GAP III; jappella lill-UE, kif stabbilit fil-GAP III, tindirizza b'mod qawwi l-intersezzjonalità billi tiżviluppa politika għall-ġlieda kontra l-forom multipli ta' diskriminazzjoni li jiffaċċjaw il-miljuni ta' nisa u bniet li huma vittmi ta' ksur tad-drittijiet fuq il-bażi ta' kasta kif ukoll ta' drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, inklużi l-abbuż u l-vjolenza sesswali, l-ispostament, ix-xogħol furzat u/jew ta' jasar, il-prostituzzjoni u t-traffikar;

63. Itenni l-kundanna tiegħu fir-rigward tal-prattika kummerċjali tal-maternità surrogata, fenomenu globali li jesponi lin-nisa mad-dinja kollha għall-isfruttament u għat-traffikar tal-bnedmin filwaqt li b'mod partikolari huwa dirett lejn nisa finanzjarjament u soċjalment vulnerabbli; jenfasizza l-impatt sever ta' din il-prattika fuq in-nisa, id-drittijiet tan-nisa, is-saħħa tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jissottolinja l-implikazzjonijiet transfruntieri tagħha; jappella għal qafas legali Ewropew biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi negattivi tal-maternità surrogata kummerċjali;

64. Jikkundanna l-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-prattiki li jippermettu l-għażla tat-tfal abbażi ta' sess, razza, diżabilità jew kwalunkwe raġuni oħra;

Id-drittijiet tat-tfal

65. Jappella għal approċċ sistematiku u konsistenti għall-promozzjoni u għad-difiża tad-drittijiet tat-tfal fil-politiki esterni kollha tal-UE; jappella għal aktar sforzi koordinati biex jiġu protetti d-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' emerġenza u jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan is-suġġett; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-għadd dejjem jikber ta' tali sitwazzjonijiet ta' kriżi madwar id-dinja, flimkien mal-effetti fit-tul tal-pandemija tal-COVID-19, wasslu għal għadd dejjem akbar ta' ksur tad-drittijiet tat-tfal madwar id-dinja, inklużi vjolenza, żwieġ prekoċi u furzat, abbuż sesswali inklużi l-mutilazzjoni ġenitali, it-traffikar, is-separazzjoni furzata tat-tfal minn mal-ġenituri tagħhom u viċeversa f'każijiet ta' skjavitù moderna, it-tħaddim tat-tfal, ir-reklutaġġ ta' suldati tfal, nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u għall-kura tas-saħħa, il-malnutrizzjoni u l-faqar estrem; jisħaq li l-effetti sproporzjonati u fit-tul tal-insigurtà tal-ikel fuq it-tfal, li taffettwa direttament mhux biss is-saħħa u l-iżvilupp tagħhom iżda wkoll l-edukazzjoni tagħhom, kif ukoll iżżid il-prattika skandaluża taż-żwieġ tat-tfal; jenfasizza l-għadd li għadu kbir ta' tfal madwar id-dinja mġiegħla jaħdmu f'kundizzjonijiet ġeneralment perikoluży f'postijiet li diffiċli jintlaħqu bħax-xaftijiet tal-minjieri, fl-estrazzjoni ta' materja prima, inklużi minerali rari, fl-industrija u fl-agrikoltura; jisħaq li l-2021 kienet is-Sena Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tat-Tħaddim tat-Tfal u jfakkar fil-politika tal-UE ta' tolleranza żero għal din il-prattika; jistieden lill-pajjiżi li fadal li ma rratifikawx il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal biex jagħmlu dan bħala kwistjoni ta' urġenza;

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

66. Jiddeplora l-immirar kontinwu tat-tfal bħala għodda tal-gwerra; itenni li minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom, il-minorenni spiss ikunu minn tal-ewwel li jsofru l-vjolenza f'territorji mifnija bil-gwerra, speċjalment fir-rigward ta' rappreżalji etniċi minn tribujiet, gruppi u etniċitajiet fi gwerra bejniethom; jikkundanna r-reklutaġġ furzat ta' tfal taħt l-età f'żoni ta' gwerra, kif ukoll l-istrumentalizzazzjoni tagħhom u l-immirar tal-vjolenza sesswali fil-konfront tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jinħolqu mogħdijiet għar-riintegrazzjoni u għall-kumpens għat-tfal li d-drittijiet tagħhom ikunu ġew miksura u li l-aġenda tan-NU dwar it-tfal u l-kunflitt armat trid tiġi integrata fl-azzjonijiet esterni kollha tal-UE; jistieden lill-Istati Membri kkonċernati jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li huma ċittadini ta' dawn l-Istati Membri u li jinsabu l-ħabs jew detenuti f'pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tiġġieled l-impunità għad-delitti tal-gwerra kontra t-tfal, issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha ma' organizzazzjonijiet u NGOs umanitarji ffukati fuq it-tfal u tissalvagwardja d-drittijiet tat-tfal meta tikkoopera u tissieħeb ma' pajjiżi terzi;

67. Jisħaq li d-dritt għall-edukazzjoni bata minn rigressi partikolari, bi tfixkil mingħajr paragun fl-edukazzjoni minħabba l-COVID-19 iżda wkoll minħabba estremiżmu reliġjuż u diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru kontra l-bniet; jesprimi tħassib rigward it-tkeċċija ta' adolexxenti tqal mill-iskejjel; ifakkar li kull tifel u tifla għandhom id-dritt għal edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità li tkun nondiskriminatorja, ibbażata fuq l-evidenza, xjentifikament akkurata u adatta għall-età u li tindirizza normi dannużi abbażi tal-ġeneru; jappella lill-UE żżid il-ħidma tagħha biex tipprovdi aċċess għall-edukazzjoni, inklużi modi innovattivi biex jiġu evitati l-ostakli imposti mill-awtoritajiet nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jżidu l-appoġġ tagħhom għal pajjiżi terzi biex jgħinuhom jadattaw għall-isfidi li ffaċċjaw matul il-pandemija tal-COVID-19 fil-qasam tal-edukazzjoni; jisħaq li l-appoġġ jista' jieħu l-forma ta' allokazzjoni ta' finanzjament miżjuda permezz tal-NDICI – Ewropa Globali, iżda jista' jinkludi wkoll il-forniment ta' bini tal-kapaċità u l-aħjar prattiki bbażati fuq it-tagħlimiet meħuda permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE mad-dinja kollha; jenfasizza li l-ambjent internazzjonali li qed jinbidel jista' jirrikjedi soluzzjoni finanzjarja li tippermetti rispons minn diversi donaturi biex tiġi koperta d-diskrepanza dejjem akbar fil-finanzjament biex jintlaħaq l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 4 tan-NU, li għandu l-għan li jiżgura edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa u jippromwovi opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja għal kulħadd;

68. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jżommu finanzjament robust għall-edukazzjoni permezz tal-istrumenti ta' finanzjament estern kollha tal-UE, f'konformità mal-parametru referenzjarju ta' 10 % fuq l-edukazzjoni fl-NDICI – Ewropa Globali; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jappoġġjaw ukoll lill-gvernijiet ta' pajjiżi terzi fil-bini u fl-iżvilupp ulterjuri ta' sistemi edukattivi aktar b'saħħithom reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru u inklużivi; ifakkar li l-aċċess tan-nisa għall-edukazzjoni ġie stabbilit bħala dritt fundamentali min-NU; jemmen li ż-żieda fl-aċċess tal-bniet għall-edukazzjoni u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni tan-nisa fl-edukazzjoni u f'karrieri fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika bħala kwistjoni ta' prijorità għandhom ikunu mira politika ċentrali għall-UE; jinsisti, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-bniet ikunu jistgħu jispiċċaw l-edukazzjoni tagħhom u jkollhom aċċess għal informazzjoni u servizzi adatti għall-età, mingħajr diskriminazzjoni u preġudizzji relatati mal-ġeneru u b'opportunitajiet indaqs biex jilħqu l-potenzjal tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-ostakli relatati mal-ġeneru għall-edukazzjoni, bħal liġijiet, politiki u normi soċjokulturali dannużi li jipprevjenu lill-bniet milli jkomplu l-edukazzjoni f'każ ta' tqala, żwieġ jew maternità; iħeġġeġ l-indirizzar tal-istereotipi tas-sessi u n-normi soċjokulturali dannużi permezz tal-edukazzjoni, u l-prevenzjoni tal-vjolenza permezz ta' edukazzjoni sensittiva għall-ġeneru;

Id-drittijiet tal-anzjani

69. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw mogħdijiet ġodda biex isaħħu d-drittijiet tal-anzjani; jissottolinja l-isfidi għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-anzjani, inklużi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, il-faqar, il-vjolenza, in-nuqqas ta' protezzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa u servizzi essenzjali oħra kif ukoll l-ostakli għall-impjiegi; jissottolinja l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ rigward strument legalment vinkolanti biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' nies akbar fl-età u jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkunsidraw li jipprovdu appoġġ attiv għal dak il-ħidma;

Id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità

70. Jilqa' l-adozzjoni tal-istrateġija tal-UE 2021-2030 għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità bħala għodda biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità u d-drittijiet tagħhom mad-dinja kollha, b'mod partikolari l-faqar u d-diskriminazzjoni, iżda wkoll problemi bl-aċċess għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa u għall-impjiegi u għall-parteċipazzjoni fil-ħajja politika; jappella għal implimentazzjoni sistematika interna u esterna ta' din l-istrateġija; jissottolinja li d-dmir tal-indukrar tal-persuni b'diżabilità spiss jiġġarrab mill-familji tagħhom, b'mod partikolari min-nisa, u jappella lill-UE tassisti lill-pajjiżi terzi fl-iżvilupp ta' politiki ta' appoġġ għal dawk li jindukraw lill-persuni b'diżabilità;

71. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità permezz ta' azzjoni esterna tal-UE; jissottolinja l-ħtieġa ta' djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità, fil-pajjiżi sħab biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sinifikanti tagħhom u l-involviment b'suċċess tagħhom fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li l-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali jiġu mħeġġa jimplimentaw riformi biex itejbu s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità u jistieden lill-Kummissjoni tassistihom fl-iżvilupp ta' proċess strutturat għall-konsultazzjoni ma' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; jappella biex id-delegazzjonijiet tal-UE jiġu pprovduti b'investiment, taħriġ u bini tal-kapaċità sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità dwar l-azzjoni umanitarja u l-kooperazzjoni internazzjonali;

L-intolleranza, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni

72. Jenfasizza l-oppożizzjoni u l-kundanna tiegħu għall-intolleranza, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza, etniċità, nazzjonalità, klassi soċjali, diżabilità, kasta, reliġjon, twemmin, età, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru, li f'ħafna mir-reġjuni tad-dinja jwasslu għal qtil u persekuzzjoni, b'mod speċjali f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt; jisħaq li r-razziżmu, id-diskriminazzjoni, il-ksenofobija, il-persekuzzjoni reliġjuża u l-intolleranza relatata għadhom problema kbira mad-dinja kollha, liema problema twassal għal ksur tad-drittijiet fl-isferi kollha tal-ħajja, inkluż l-aċċess għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa, għax-xogħol u għall-aċċess għall-ġustizzja, u li dawn il-kwistjonijiet ġew aggravati aktar mill-pandemija tal-COVID-19; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikunu minn ta' quddiem fil-ġlieda globali kontra l-antisemitiżmu u jilqa' l-adozzjoni tal-istrateġija tal-UE għal dan il-għan; jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lid-delegazzjonijiet tal-UE jiżviluppaw, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u b'kontribut mill-Parlament, strateġiji lokali speċifiċi biex jgħinu fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' kasta fil-pajjiżi l-aktar affettwati minnha, fi djalogu mar-rappreżentanti lokali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jistednuhom għal konsultazzjonijiet li jirriżultaw minn ftehimiet jew strumenti tal-UE, inklużi djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem;

73. Jirrakkomanda li l-Parlament jindirizza d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' kasta fil-kumitati (il-Kumitati għall-Affarijiet Barranin, għall-Iżvilupp u għall-Kummerċ Internazzjonali u s-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem) u fid-delegazzjonijiet rilevanti kollha tiegħu, jaħtar persuna li tkun il-punt fokali dwar id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' kasta u, meta jżur pajjiżi affettwati mill-kwistjoni, jikkonsulta ma' organizzazzjonijiet tad-Daliti, iqajjem il-punt rigward id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' kasta mal-kontropartijiet tal-Parlament u mal-awtoritajiet u jorganizza seduta ta' smigħ biex jiġu rieżaminati l-azzjonijiet u l-progress tal-UE bħala parti mill-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali;

Minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi

74. Jiddeplora l-fatt li ħafna pajjiżi, minkejja l-impenji tagħhom li jipproteġu l-minoranzi, qed isegwu politiki ta' assimilazzjoni furzata tal-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi billi jinjoraw id-drittijiet tagħhom; jenfasizza li l-minoranzi ma għandhomx isiru mira jew strument ta' xi tensjoni jew kunflitt militari; ifakkar fl-obbligi tal-istati bbażati fuq trattati u ftehimiet internazzjonali li jipproteġu d-drittijiet ta' dawn il-minoranzi fit-territorji rispettivi tagħhom; jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi sħab tal-UE biex jirrispettaw id-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi, inklużi l-kulturi, il-lingwi, ir-reliġjonijiet, it-tradizzjonijiet u l-istorja tagħhom sabiex jippreservaw id-diversità u l-identità lingwistika u kulturali; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprovdu appoġġ attiv għal dawn il-pajjiżi sħab għal dan il-għan; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi mad-dinja kollha, inkluż fil-programmi tematiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija tal-NDICI – Ewropa Globali;

Id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ

75. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-diskriminazzjoni, l-istigmatizzazzjoni, id-detenzjoni arbitrarja, it-tortura, il-persekuzzjoni u l-qtil, li l-persuni LGBTIQ madwar id-dinja qed ikomplu jiffaċċjaw; jemmen li l-prattiki u l-atti ta' vjolenza kontra individwi fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali, tal-identità tal-ġeneru jew tal-espressjoni tal-ġeneru jew tal-karatteristiċi sesswali reali jew ipperċepiti tagħhom ma għandhomx jibqgħu mhux ikkastigati u jridu jiġu eradikati; jisħaq li persuni LGBTIQ u d-difensuri tagħhom madwar id-dinja jibqgħu jiffaċċjaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi diskriminazzjoni, stigmatizzazzjoni, persekuzzjoni, vjolenza u qtil; jappella lill-UE żżid l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-persuni LGBTIQ ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tagħhom kemm internament kif ukoll esternament, u jkollha rwol ewlieni fid-difiża tal-protezzjoni tagħhom fil-politiki esterni tagħha; jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija 2020-2025 dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ bħala l-għodda tal-UE għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ madwar id-dinja; jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jmexxu bl-eżempju billi jiddefendu b'mod proattiv

id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ madwar id-dinja u billi japplikaw bir-reqqa u b'mod konsistenti l-linji gwida tal-UE fil-politika barranija kollha tal-UE biex jippromwovu u jipproteġu t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem mill-persuni LGBTIQ;

Il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u d-dritt għall-informazzjoni

76. Jissottolinja l-akbar importanza tal-libertà tal-espressjoni – kemm online kif ukoll offline – u tal-aċċess għal informazzjoni affidabbli għad-demokrazija u għal spazju ċiviku ta' suċċess; jesprimi tħassib serju dwar il-limitazzjonijiet dejjem akbar fuq id-drittijiet għall-privatezza, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-informazzjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda, u l-ksur tagħhom, imposti minn atturi statali u mhux statali f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja, b'mod partikolari għall-ġurnalisti, permezz taċ-ċensura jew tal-ħtieġa ta' awtoċensura u l-abbuż tal-liġijiet dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ħasil tal-flus, il-malafama u l-korruzzjoni, li jservu biex isikktu lill-ġurnalisti, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jiddenunzja l-użu ta' terminoloġija wiesgħa żżejjed li tippermetti lill-awtoritajiet jiddikjaraw għadd kbir ta' atti bħala illegali u jikkriminalizzaw ħidma leġittima b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, u n-nuqqas ta' salvagwardji suffiċjenti tad-drittijiet tal-bniedem f'ħafna minn dawn il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għal proċess ġust; jiddenunzja, barra minn hekk, l-użu ta' teknoloġiji bħal spyware biex jippersegwitaw lill-ġurnalisti jew ifixklu jew jikkontrollaw xogħolhom; jesprimi tħassib serju, barra minn hekk, dwar is-sikurezza fiżika tal-ġurnalisti, l-attakki kontrihom, inkluż il-qtil ekstraġudizzjarju u d-detenzjonijiet arbitrarji, u l-fatt li s'issa fl-2022 inqatlu aktar minn 61 ġurnalist u ħaddiem tal-media;

77. Jistieden lill-Kummissjoni tissalvagwardja l-libertà tal-espressjoni u tiżgura l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni permezz tal-internet bħala mezz biex tinkiseb il-libertà tal-kelma; jikkundanna r-repressjonijiet brutali u l-użu tal-forza, il-fastidju, id-detenzjoni arbitrarja u l-qtil ekstraġudizzjarju kontra dimostranti paċifiċi f'għadd ta' pajjiżi terzi;

78. Jappella lill-UE tappoġġja media kredibbli u sorsi ta' informazzjoni li jikkontribwixxu għall-akkontabbiltà tal-awtoritajiet u għat-tranżizzjonijiet demokratiċi; jesprimi tħassib dwar l-użu mifrux ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) biex jissikktu l-ġurnalisti, l-attivisti, it-trejdjunjonisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam ambjentali, mad-dinja kollha; jissottolinja li din il-prattika tkompli tirrestrinġi l-ispazju għas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, f'kuntest fejn l-ispazju ċiviku ilu jiċkien kontinwament għal diversi snin u l-awtoritajiet pubbliċi u l-atturi privati qed jattakkaw dejjem aktar id-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u għal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda; jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva mmirata lejn il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn proċedimenti abbużivi tal-qorti u SLAPPs;

79. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, jiżviluppaw strateġija biex jindirizzaw l-użu mifrux ta' SLAPPs kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, l-attivisti u t-trejdjunjonisti mad-dinja kollha; jistieden ulterjorment lill-Kummissjoni u lis-SEAE jinkludu gwida dwar modi kif tiġi pprovduta protezzjoni effettiva għall-vittmi ta' SLAPPs, inkluż permezz ta' assistenza finanzjarja biex jiġu koperti t-tariffi legali, f'tali strateġija; jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE jiddokumentaw is-SLAPPs u jinkluduhom fl-attivitajiet ta' monitoraġġ, rappurtar u valutazzjoni tagħhom; iħeġġeġ lil-leġiżlaturi minn pajjiżi terzi jfasslu liġijiet bl-istess objettiv, bħala parti minn inizjattivi ġenerali mmirati lejn l-appoġġ u s-salvagwardja tal-libertà tal-espressjoni, inklużi l-libertà u l-pluraliżmu tal-media;

80. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffinanzja proġetti biex tassisti lill-ġurnalisti fi kwistjonijiet legali u prattiċi, inkluż barra l-UE, permezz tal-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea; jappella lill-UE tintensifika l-isforzi tagħha biex tassisti lill-ġurnalisti fil-mira mad-dinja kollha u tiżgura s-sikurezza tagħhom, inkluż billi tipprovdi rifuġju sikur u mezzi biex ikomplu l-ħidma tagħhom f'każ li jkollhom jitilqu mill-post ta' residenza tagħhom u billi taħdem mill-qrib mal-pajjiżi sħab dwar din il-kwistjoni, speċjalment fil-qafas tal-ftehimiet ta' sħubija tal-UE ma' pajjiżi terzi; jilqa' r-rwol li għandhom programmi bħal Media4Democracy u l-attivitajiet iffinanzjati mill-UE tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija għal dan il-għan;

81. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà akkademika u żieda, mad-dinja kollha, fil-każijiet ta' akkademiċi ċċensurati u mibgħuta l-ħabs, liema sitwazzjoni għandha konsegwenzi importanti fuq id-dritt għall-edukazzjoni; jappella lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi diplomatiċi u l-protezzjoni u l-appoġġ ta' emerġenza tagħhom permezz ta' involviment bilaterali u multilaterali fir-rigward ta' theddid jew attakki fuq il-libertà akkademika minn atturi statali u mhux statali; jappella lill-UE tiżgura appoġġ kontinwu ta' livell għoli għall-Kampus Globali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, bħala eżempju ewlieni tal-appoġġ tal-UE għall-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem mad-dinja kollha;

Id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin

82. Jinnota li s-sena 2021 fakkret l-40 anniversarju tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u ta' Diskriminazzjoni Abbażi tar-Reliġjon u t-Twemmin; ifakkar li l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin hija dritt fundamentali ta' kull bniedem u tapplika għall-persuni kollha b'mod indaqs; jinnota bi tħassib serju li d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, li wieħed ikollu twemmin, li ma jemminx, jew li jidentifika bħala ateu jew anjostiku, inkluż id-dritt li juri konvinzjonijiet reliġjużi jew mhux reliġjużi permezz tal-espressjoni, tat-tagħlim u tal-prattika u d-dritt li wieħed jibdel jew jabbanduna r-reliġjon tiegħu, għadu jinkiser f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja; jisħaq fuq l-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19, peress li xi gvernijiet għadhom jużawha bħala skuża għal aktar prattiki diskriminatorji inkluż il-vjolenza kontra l-minoranzi reliġjużi u sitwazzjonijiet fejn dawn jingħataw tort minkejja li ma jkollhomx ħtija; jikkundanna l-vjolenza kontra persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u l-persekuzzjoni tagħhom abbażi tat-twemmin jew tar-reliġjon tagħhom; jiddeplora l-fatt li dan jaffettwa ħafna komunitajiet reliġjużi u ta' twemmin, kif ukoll gruppi ta' persuni li huma atei, umanisti, anjostiċi jew li ma jidentifikaw ruħhom mal-ebda reliġjon; josserva bi tħassib kbir li organizzazzjonijiet mhux reliġjużi, sekulari u umanisti qed jiffaċċjaw persekuzzjoni dejjem akbar, inklużi mewġiet bla preċedent ta' inċitament għall-vjolenza kontrihom, mibegħda u qtil, f'għadd ta' pajjiżi;

83. Jiddenunzja l-attakki kontra għadd kbir ta' individwi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili talli qajmu dubji dwar twemmin reliġjuż, ikkritikawh jew issatirizzawh b'mod paċifiku u jfakkar li l-espressjoni ta' opinjonijiet kritiċi dwar ir-reliġjon hija espressjoni leġittima tal-libertà tal-ħsieb jew tal-kreazzjoni artistika;

84. Jesprimi ulterjorment tħassib dwar l-użu ħażin u l-istrumentalizzazzjoni tar-reliġjon biex titrawwem l-intolleranza jew jiġu kompromessi d-drittijiet tal-bniedem, bħad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ u d-drittijiet tan-nisa, jiġifieri s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, kif ukoll id-drittijiet tat-tfal għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon;

85. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jipproteġu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin, iqajmu dawn il-kwistjonijiet fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u jaħdmu bil-mekkaniżmi u mal-kumitati rilevanti tan-NU; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jimplimentaw programmi ambizzjużi biex jiddefendu dan id-dritt mad-dinja kollha, inkluż billi jinkoraġġixxu u jappoġġjaw l-isforzi internazzjonali biex tingħabar evidenza ta' delitti ta' atroċità għal raġunijiet ta' twemmin jew reliġjon, billi l-awturi tar-reati jitressqu l-qorti, jingħataw sentenzi kriminali effettivi u l-vittmi jiġu kkumpensati; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jaħdmu ma' pajjiżi terzi biex jadottaw miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda fil-politiki esterni kollha tal-UE; jistieden lis-SEAE u lid-delegazzjonijiet tal-UE, meta xieraq, jinkludu organizzazzjonijiet ibbażati fuq it-twemmin fid-djalogi tagħhom mas-soċjetà ċivili sabiex ifasslu l-politiki tad-drittijiet tal-bniedem għall-kuntesti reliġjużi u kulturali speċifiċi għall-pajjiż, minħabba r-rwol ta' xi organizzazzjonijiet ibbażati fuq it-twemmin fir-rispons għall-kriżijiet umanitarji, fost l-oħrajn; josserva li l-popolazzjoni li ma tidentifika mal-ebda reliġjon ma għandhiex tiġi traskurata fil-qafas tal-politika tal-UE dwar il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin; jappella għal evalwazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE tal-2013 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, kif previst fl-Artikolu 70 tagħhom;

Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

86. Jappoġġja bil-qawwa l-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jenfasizza r-riskji li jiffaċċjaw fl-isforzi tagħhom biex jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-theddid kontrihom u kontra l-familji tagħhom, il-fastidju u l-vjolenza; jikkundanna l-fatt li mijiet ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem inqatlu minħabba xogħolhom, li l-maġġoranza tagħhom kienu difensuri ambjentali; jilqa' l-isforzi tal-UE biex tappoġġja lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'xogħolhom, inkluż il-mekkaniżmu ProtectDefenders.eu; jappella biex tali sforzi jiġu intensifikati sabiex jiġu mmitigati r-riskji dejjem akbar li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jiffaċċjaw madwar id-dinja, inklużi d-detenzjoni arbitrarja u l-priġunerija, l-attakki verbali u fiżiċi, il-fastidju u r-restrizzjonijiet legali u t-theddid jew ir-repressjoni tranżnazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jissospendu t-trattati ta' estradizzjoni attivi kollha ma' pajjiżi fejn is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem hija inkompatibbli mal-obbligi internazzjonali ta' non-refoulement tal-Istati Membri;

87. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jindirizzaw b'mod attiv it-tentattivi leġiżlattivi jew amministrattivi biex jingħalaq l-ispazju għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw viżjoni strateġika ta' livell għoli biex jiġġieldu l-attakki globali li qed jiżdiedu kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' konklużjonijiet b'saħħithom tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE li jistabbilixxu strateġija kollettiva ta' livell għoli għal azzjoni globali tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u jimplimentaw bis-sħiħ l-impenji politiċi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'riskju, bħal dawk inklużi

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

fil-pjan ta' azzjoni tal-UE 2020-2024 għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u fil-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw ukoll b'mod attiv l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni xierqa u effettivi għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju jew f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż permezz ta' konsultazzjoni sinifikanti magħhom u abbażi ta' analiżijiet tar-riskju komprensivi u kwalitattivi, filwaqt li jiġi żgurat li tali mekkaniżmi jkunu olistiċi u b'riżorsi xierqa, jivvalutaw u jimmaniġġjaw ir-riskji b'mod preventiv u jibnu pjanijiet ta' protezzjoni li verament jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-individwi, tal-intrapriżi kollettivi u tal-komunitajiet; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-ambaxxaturi tal-UE, ikunu aktar attivi fil-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi u forom oħra ta' involviment politiku pubbliku u privat b'appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'riskju u dawk li ntefgħu l-ħabs għal perjodi twal, kif ukoll fl-għajnuna biex iwettqu żjarat il-ħabs għal dawn tal-aħħar u fil-faċilitazzjoni ta' żjarat esterni mill-familji tagħhom; jinsisti li s-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-UE jagħtu attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tar-rebbieħa u tal-finalisti tal-Premju Sakharov li jinsabu f'riskju u li jieħdu azzjoni determinata, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u mal-Parlament, biex jiżguraw il-benessri, is-sikurezza jew il-liberazzjoni tagħhom; jistieden lis-SEAE jirrapporta lura regolarment dwar l-azzjoni meħuda rigward il-każijiet tar-rebbieħa u l-finalisti tal-Premju Sakharov li jinsabu detenuti, jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq il-libertajiet tagħhom jew li għadu mhux magħruf fejn jinsabu;

88. Jesprimi tħassib dwar l-ostakli li jiltaqgħu magħhom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mad-dinja kollha biex ikollhom aċċess għal viżi tal-UE umanitarji u/jew għal żmien qasir; ifakkar fl-importanza ta' din l-għodda essenzjali ta' sigurtà u protezzjoni li tippermetti li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ikollhom aċċess għal rifuġji sikuri meta jkun meħtieġ, jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet eżistenti għal mistrieħ u solliev, jibbenefikaw minn programmi ta' rilokazzjoni temporanja u jwettqu attivitajiet ta' promozzjoni, mobilizzazzjoni u networking internazzjonali essenzjali fit-territorju tal-UE; jappella għal skema fl-UE kollha biex jinħarġu viżi umanitarji għal żmien qasir għar-rilokazzjoni temporanja tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'riskju, kif ukoll politika tal-UE aktar koordinata rigward il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi ta' emerġenza għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE tiżviluppa politika aktar prevedibbli, koordinata u konsistenti dwar il-viżi għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li tippermetti protokolli flessibbli u reattivi, inkluż f'sitwazzjonijiet kritiċi;

89. Jiddeplora l-forom varji ta' projbizzjonijiet u limitazzjonijiet fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-attivitajiet tagħhom, bħal-liġijiet, inklużi l-liġijiet kontra t-terroriżmu, li l-għan tagħhom huwa li jċekknu l-ispazju tas-soċjetà ċivili u jsikktu l-ilħna kuntrarji jew il-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet sponsorjati minn gvernijiet ta' pajjiżi terzi (NGOs organizzati mill-gvern (GONGOs)); jiddeplora l-adozzjoni mifruxa tal-ħekk imsejħa liġijiet dwar l-aġenti barranin f'ħafna pajjiżi, li jġiegħlu lill-individwi u lill-entitajiet li jirċievu finanzjament minn barra l-pajjiż jirreġistraw lilhom infushom bħala aġenti barranin; jesprimi tħassib partikolari dwar l-użu ta' dawn il-liġijiet biex jistigmatizzaw u jirrestrinġu l-ħidma tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tar-restrizzjoni tad-dritt ta' aċċess għall-finanzjament; jappella lill-UE taħdem mal-kontropartijiet sabiex tikseb ir-revoka jew ir-reviżjoni ta' tali liġijiet u jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE, b'mod partikolari s-SEAE f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, jiżviluppaw strateġija koordinata għal dan il-għan;

90. Jiddeplora l-fatt li d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem jiffaċċjaw vjolenza abbażi tal-ġeneru u jbatu minn nuqqas ta' aċċess għal riżorsi adegwati u mekkaniżmi ta' protezzjoni; jirrifjuta l-fatt li d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti tad-drittijiet tan-nisa jibqgħu jiġu attakkati sesswalment, mhedda, intimidati, kriminalizzati u saħansitra maqtula; jiddeplora, barra minn hekk, il-fatt li d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jisfaw partikolarment fil-mira mad-dinja kollha, u jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkundannaw pubblikament u privatament l-attakki u t-theddid kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu f'dan il-qasam u jiżguraw b'mod proattiv rappreżentanza adegwata tad-difensuri tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-konsultazzjonijiet tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tappoġġja politikament u finanzjarjament lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet fl-oqsma kollha;

Il-migranti u r-rifuġjati

91. Jafferma mill-ġdid id-drittijiet tal-bniedem inaljenabbli tal-migranti, tar-rifuġjati u tal-persuni spostati bil-forza, li jridu jiġu riflessi fil-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil u fil-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi f'dan il-qasam; jisħaq li l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tirrikonoxxi u tiżviluppa modi kif tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, b'mod partikolari tan-nisa, tat-tfal, ta' minoranzi etniċi, reliġjużi u ta' twemmin u ta' persuni b'diżabilità, li huma fost dawk l-aktar vulnerabbli, filwaqt li tibni r-reżiljenza tal-komunitajiet ta' oriġini tal-migranti u tgħinhom joffru lill-membri tagħhom il-possibbiltà li jgawdu ħajja deċenti u sikura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-politiki dwar il-migrazzjoni u l-asil jiġu ġestiti b'mod irregolat mill-prinċipji tas-solidarjetà,

tal-bilanċ u tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn il-pajjiżi; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw lill-pajjiżi li jospitaw il-biċċa l-kbira tar-rifuġjati, kif ukoll lill-pajjiżi ta' tranżitu u lill-pajjiżi ta' oriġini; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-finanzjament Ewropew relatat mal-migrazzjoni, it-taħriġ jew forom oħra ta' appoġġ lil pajjiżi terzi ma jiffaċilitawx direttament jew indirettament it-twettiq ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u lanqas ma jsaħħu jew jipperpetwaw l-impunità għal tali ksur; itenni li l-kooperazzjoni u l-involviment mill-qrib ma' pajjiżi terzi jibqgħu essenzjali għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin; jisħaq b'mod partikolari fuq il-ħtieġa li tiġi estiża l-ġlieda kontra l-gruppi tal-kriminalità organizzata li jinvolvu ruħhom fit-traffikar ta' bnedmin, li għandha tkun strettament konformi mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq, f'dan ir-rigward, li t-tixrid ta' informazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin huma kruċjali; jappella biex l-operazzjonijiet umanitarji ffinanzjati mill-UE jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u ta' gruppi oħra vulnerabbli u jiżguraw il-protezzjoni tagħhom waqt li jkunu qed jiġu spostati; jikkundanna f'dan ir-rigward it-tqegħid ta' tfal migranti f'ċentri ta' detenzjoni, speċjalment meta jkunu separati mill-ġenituri jew mill-kustodji legali tagħhom; jissottolinja l-importanza li jiġi żviluppat qafas effettiv ta' perkorsi sikuri u legali lejn l-UE u jilqa', f'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u t-talent lejn l-UE, inkluż l-iżvilupp ta' Sħubiji ta' Talent ma' pajjiżi sħab;

92. Ifakkar fl-impenn tiegħu għad-drittijiet tar-rifuġjati, kif previst mil-liġijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u r-rifuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u l-Protokoll tal-1967 tagħha; ifakkar fl-obbligi tal-Istati li jipproteġu lir-rifuġjati u jirrispettaw id-drittijiet tagħhom skont id-dritt internazzjonali rilevanti; jiddeplora l-għadd ta' mwiet ta' migranti li jseħħu tul ir-rotot migratorji u pushbacks illegali bi ksur tad-dritt internazzjonali; ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha, fl-azzjonijiet esterni u ekstraterritorjali tagħhom, fil-ftehimiet u fil-kooperazzjoni fl-oqsma tal-migrazzjoni, tal-fruntieri u tal-ażil, għandhom jirrispettaw u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk minquxa fil-Karta, inkluż id-dritt għall-ħajja, il-libertà u d-dritt li jfittxu l-ażil, permezz tal-valutazzjoni individwali tal-applikazzjonijiet għall-ażil u l-prinċipju ta' non-refoulement; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza li l-Istati Membri jmexxu bl-eżempju billi jirrispettaw b'mod strett l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali dwar ir-rifuġjati, u jżidu b'mod sostanzjali l-assistenza tagħhom lil dawk li qed jaħarbu mir-repressjoni jew il-gwerra, il-kapaċità ta' akkoljenza tagħhom u l-weħdiet ta' risistemazzjoni tagħhom;

93. Jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu kompletament trasparenti dwar l-allokazzjoni ta' fondi lil pajjiżi terzi għall-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' migrazzjoni; itenni l-appelli tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura valutazzjonijiet tar-riskju *ex ante* trasparenti mwettqa minn korpi u esperti indipendenti tal-UE dwar l-impatt ta' kwalunkwe kooperazzjoni formali, informali jew finanzjarja tal-UE ma' pajjiżi terzi fuq id-drittijiet tal-migranti, tar-rifuġjati u tal-persuni spostati bil-forza, u biex tqis bis-sħiħ dawn il-valutazzjonijiet, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, biex tevalwa l-impatt tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fuq id-drittijiet tal-bniedem; jinnota bi tħassib li l-għadd ta' nies spostati bil-forza madwar id-dinja bħala riżultat ta' persekuzzjoni, kunflitt, vjolenza, ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew avvenimenti li jfixklu serjament l-ordni pubblika laħaq id-89 miljun bla preċedent sal-aħħar tal-2021, li 36,5 miljun minnhom kienu tfal; ifakkar li r-rifuġjati u l-migranti, speċjalment migranti mingħajr dokumenti, jiffaċċjaw ostakli fl-aċċess għall-kura tas-saħħa madwar id-dinja, li l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru hija okkorrenza frekwenti matul l-ispostamenti, u li f'ħafna sitwazzjonijiet, is-superstiti tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru ma jirċevux il-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva essenzjali li jeħtieġu; jisħaq, f'dan il-kuntest, li l-azzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali huma aktar essenzjali minn qatt qabel biex tiġi żgurata l-protezzjoni tar-rifuġjati;

Il-popli indiġeni

94. Jinnota b'dispjaċir li l-popli indiġeni għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni u persekuzzjoni mifruxa u sistematiċi madwar id-dinja, inklużi spostamenti furzati; jikkundanna l-arresti arbitrarji u l-qtil tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-art li jiddefendu d-drittijiet tal-popli indiġeni; ifakkar li l-popli indiġeni jiżvolġu rwol importanti fil-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u fil-konservazzjoni tal-bijodiversità; iħeġġeġ lill-gvernijiet isegwu politiki ta' żvilupp u ambjentali li jirrispettaw id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, u li jkunu jinkludu popli indiġeni u popolazzjonijiet lokali, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; itenni t-talba tiegħu lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lis-sħab tagħhom fil-komunità internazzjonali biex jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa għar-rikonoxximent, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni, inkluż fir-rigward tal-lingwi, tal-artijiet, tat-territorji u tar-riżorsi tagħhom, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunsens liberu, minn qabel u infurmat; jirrakkomanda li l-UE u l-Istati Membri tagħha jinkludu referenzi għall-popli indiġeni u d-drittijiet li

jinsabu fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni fl-oqfsa rilevanti u emerġenti għad-diliġenza dovuta; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jinħoloq mekkaniżmu ta' lmentar biex jitressqu lmenti dwar il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-popli indiġeni li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-atturi Statali u dawk mhux Statali; jirrakkomanda li l-pajjiżi li għadhom ma għamlux dan biex jirratifikaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol Nru 169 tas-27 ta' Ġunju 1989 dwar il-Popli Indiġeni u Tribali;

Il-gwerer u l-kunflitti madwar id-dinja u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem

95. Jinsab imħasseb serjament dwar il-persistenza tal-pjaga tal-gwerer u l-kunflitti militari madwar id-dinja; jisħaq li l-għadd kbir ta' theddid għad-drittijiet tal-bniedem ikkawżat minn gwerer u kunflitti moderni madwar id-dinja llum; jissottolinja li minbarra l-Istati Parti nfushom, tali kunflitti spiss jinvolvu atturi mhux Statali inklużi kumpaniji privati militari u tas-sigurtà kif ukoll organizzazzjonijiet terroristiċi; jisħaq li l-konsegwenzi umanitarji diżastrużi ta' dawn il-kunflitti u l-impatt devastanti tagħhom fuq iċ-ċivili, li huma mmirati direttament, ikollhom isofru ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, u ħafna drabi ma jkollhom l-ebda aċċess jew aċċess limitat għall-ġustizzja jew rimedji legali; jappella lill-UE tkompli tiżviluppa u timplimenta għodod li jippermettulha tirreaġixxi malajr u b'mod effiċjenti għal tali kunflitti, inkluż billi tindirizza l-kawżi ewlenin tagħhom, tinvesti fil-prevenzjoni tal-kunflitti u fl-isforzi ta' medjazzjoni, tfittex u żżomm spazju għal soluzzjonijiet politiċi, toħloq alleanzi ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet reġjonali tal-istess fehma, tipprovdi aktar appoġġ finanzjarju u tekniku u persunal għal missjonijiet ċivili u operazzjonijiet militari għaż-żamma tal-paċi, u tippromwovi inizjattivi għall-bini tal-fiduċja bejn il-belliġerenti; jappella lill-UE biex tgħin ittemm it-twettiq ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u biex tipprovdi assistenza lill-vittmi;

96. Jikkundanna ż-żieda fil-ksur tal-kostituzzjonijiet demokratiċi fid-dinja; itenni t-tħassib tiegħu dwar it-theddida kkawżata minn kolpi ta' stat militari għad-detriment tal-ħajjiet ċivili, is-sigurtà u l-paċi; jisħaq li l-ħtieġa li tissaħħaħ l-akkontabbiltà u tiġi miġġielda l-impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-delitti tal-gwerra li twettqu bħala riżultat ta' bidliet vjolenti fir-reġim;

97. Itenni li l-kriżijiet umanitarji jintensifikaw l-isfidi relatati mal-kura tas-saħħa u jfakkar li f'żoni ta' kriżi, il-gruppi vulnerabbli bħar-rifuġjati, in-nisa u l-bniet huma partikolarment esposti għall-vjolenza sesswali, il-mard trażmess sesswalment, l-isfruttament sesswali, l-istupru bħala arma tal-gwerra u t-tqala mhux mixtieqa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità għolja lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-saħħa sesswali u riproduttiva fir-rispons tagħhom għall-għajnuna umanitarja, inkluż f'termini ta' taħriġ għall-atturi umanitarji u finanzjament futur; jappella lill-UE tadotta perspettiva sensittiva għall-ġeneru biex tifhem kif il-kunflitti jaffettwaw lin-nisa u l-komunità LGBTIQ u li tintegraha fl-isforzi kollha għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll fiż-żamma tal-paċi, fl-għajnuna umanitarja u fl-operazzjonijiet ta' rikostruzzjoni wara l-kunflitti, il-ġustizzja tranżitorja u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-riformi demokratiċi;

98. Itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jgħinu fit-trażżin tal-kunflitti armati u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-dritt umanitarju internazzjonali billi jirrispettaw b'mod strett id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tat-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi dwar l-Esportazzjoni u l-Valutazzjoni tal-Esportazzjoni u tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi ([28]), inkluż billi jirrifjutaw kwalunkwe trasferiment ta' armi u tagħmir ta' sorveljanza li jirriżulta fir-riskju li l-atturi importaturi jistgħu jwettqu jew jiffaċilitaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-dritt umanitarju internazzjonali;

Id-dritt għall-ikel u s-sigurtà tal-ikel

99. Itenni li d-dritt li wieħed ikun ħieles mill-ġuħ huwa dritt tal-bniedem; jissottolinja t-tħassib serju tiegħu dwar l-isfidi għad-dritt għall-ikel u s-sigurtà tal-ikel u l-affordabbiltà tal-ikel f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja; jappella lill-UE, lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali immedjatament biex iżidu l-isforzi tagħhom biex iwaqqfu t-tendenza ta' nuqqasijiet serji tal-ikel li qed jitfaċċaw; jissottolinja li filwaqt li s-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel hija pprattikata minn diversi kawżi, din ġiet aggravata minn ħafna kunflitti li seħħew madwar id-dinja, inklużi l-kunflitti attwali f'pajjiżi li huma esportaturi globali kbar ta' prodotti tal-ikel primarji, b'konsegwenzi tremendi f'diversi żoni tad-dinja; jikkundanna bil-qawwa l-użu u t-theddida tal-insigurtà tal-ikel bħala strument politiku tal-gwerra;

([28]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

100. Jenfasizza bi tħassib il-fatt li l-isfond reliġjuż, ta' twemmin jew etniku jista' jintuża bħala fattur diskriminatorju fid-distribuzzjoni tal-ikel u l-għajnuna umanitarja fil-kuntest tal-insigurtà tal-ikel u l-kriżijiet umanitarji; jappella lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-Kummissjoni biex iressqu din il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-gvernijiet tal-pajjiżi terzi kkonċernati;

It-tibdil fil-klima u l-ambjent

101. Jissottolinja li d-drittijiet tal-bniedem, ambjent b'saħħtu u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima huma dipendenti fuq xulxin; jilqa' l-progress lejn ir-rikonoxximent tad-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli, kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni 76/300 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU; jisħaq li l-apprezzament tiegħu għall-ħidma essenzjali mwettqa mid-difensuri ambjentali tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-difensuri tal-art u tal-ilma, il-ġurnalisti, il-ġurnalisti investigattivi, l-informaturi, l-avukati u l-attivisti indiġeni, biex jippreservaw u jissalvagwardjaw l-ambjent minkejja t-theddid ta' vjolenza kontrihom u r-riskju għal ħajjithom; jirrikonoxxi, barra minn hekk, ir-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll tal-popli indiġeni għax-xogħol imprezzabbli tagħhom fil-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent;

102. Jisħaq li t-tibdil fil-klima jipperikola t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għas-sigurtà tal-ikel, l-ilma tajjeb għax-xorb, is-sanità, is-saħħa u l-akkomodazzjoni xierqa, kif ukoll id-drittijiet tal-komunitajiet lokali; jirrifjuta l-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali, li jikkostitwixxi sfida kbira għas-sostenibbiltà u għall-ambjent; jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, għar-riskji ppreżentati mit-tibdil fil-klima għall-paċi u s-sigurtà, peress li l-insigurtà tal-ikel u l-iskarsezza tal-ilma jistgħu jwasslu għal kompetizzjoni fir-rigward tar-riżorsi naturali u mbagħad għal instabbiltà u kunflitti fi ħdan u bejn l-Istati; jisħaq li l-bijodiversità u d-drittijiet tal-bniedem huma interkonnessi u interdipendenti, u jfakkar fl-obbligi tal-Istati fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem li jipproteġu l-bijodiversità li tali drittijiet jiddependu minnha, inkluż billi jipprevedu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'deċiżjonijiet relatati mal-bijodiversità u jipprovdu aċċess għal rimedji effettivi f'każijiet ta' telfien u degradazzjoni tal-bijodiversità;

103. Jappella lill-UE tfittex li tiġġieled l-effetti tal-kriżi klimatika globali, fost l-oħrajn billi tintroduċi azzjonijiet ta' politika effettivi u sostenibbli, u biex tikkonforma mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu l-kontribut tagħhom għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità globalment, b'mod partikolari billi jiżguraw li l-oġġetti importati mill-UE jiġu prodotti skont id-drittijiet tal-bniedem protetti taħt id-dritt internazzjonali, inklużi d-drittijiet tal-popli indiġeni, u ma jikkontribwixxux għall-qerda ta' ekosistemi naturali jew għall-ħsara lilhom, b'mod partikolari għall-foresti primarji u primordjali, bl-użu ta' approċċ ibbilanċjat li ma jagħmilx ħsara lill-pajjiżi terzi; jenfasizza li l-pajjiżi l-anqas żviluppati huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, peress li jsibuha l-aktar diffiċli li jifilħu għall-impatti devastanti tiegħu, minkejja li jipproduċu kwantitajiet iżgħar ta' gassijiet serra fil-konfront ta' pajjiżi aktar sinjuri;

In-negozju, il-kummerċ u d-drittijiet tal-bniedem

104. Jenfasizza li l-ftehimiet kummerċjali spiss joffru l-possibbiltà li l-UE taħdem ma' pajjiżi terzi biex tindirizza s-sitwazzjoni domestika tagħhom billi tipprovdi xi kundizzjonijiet li jservu biex itejbu l-istandards tal-għajxien, kif ukoll jippermettu għall-kundizzjonalità biex titjieb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dawk il-pajjiżi; jinnota, madankollu, li f'xi każijiet ftit li xejn kien hemm titjib fil-pajjiżi kkonċernati; jirrimarka li attivitajiet kummerċjali eċċessivi u ta' sfruttament spiss ikollhom effetti detrimentali fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi; ifakkar li l-klawżoli sostantivi inklużi fil-ftehimiet kummerċjali jipprevedu li l-Istati Parti jeħtiġilhom jirrispettaw, jipproteġu u jrawmu d-drittijiet tal-bniedem kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-dritt konswetudinarju u l-konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom huma parti;

105. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkundannaw, bl-aktar mod qawwi, ir-repressjonijiet kontra s-soċjetà ċivili, b'mod partikolari meta jseħħu f'pajjiżi li magħhom l-UE kkonkludiet ftehimiet ta' kummerċ ħieles, u jinvolvu ruħhom b'mod effettiv mal-awtoritajiet nazzjonali f'dawk il-pajjiżi, inkluż fl-ogħla livell, biex jiżguraw li s-soċjetà ċivili tkun tista' taġixxi liberament, tipparteċipa fl-affarijiet pubbliċi u timmonitorja u tiddokumenta l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles; jappella lill-UE tindirizza kwalunkwe ksur tal-impenji tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, inklużi dawk stabbiliti fil-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u fil-klawżoli tal-elementi essenzjali tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni; jafferma li, f'każijiet ta' ksur serju jew mifrux, l-UE għandha tiskatta klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem, li jipprevedu kundizzjonalità ddedikata u miżuri adegwati fuq din il-bażi, inkluż l-istabbiliment ta' korp ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem iddedikat biex jivvaluta r-rispett tal-impenji tad-drittijiet tal-bniedem skont l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u biex jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-partijiet;

L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023

106. Jappella lill-UE tagħmel użu konsistenti mill-klawżoli fil-ftehimiet kummerċjali li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, inklużi monitoraġġ u infurzar aktar mill-qrib tal-impenji tad-drittijiet tal-bniedem, u tuża l-potenzjal sħiħ tal-kundizzjonalità dwar id-drittijiet tal-bniedem biex tagħti aċċess preferenzjali għas-suq tagħha lil pajjiżi terzi; jitlob, b'mod partikolari, rabta aktar mill-qrib bejn it-trattament preferenzjali u l-progress dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-Regolament aġġornat dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP+); jappella għal aktar trasparenza matul il-passi kollha tal-proċedura għall-għoti tal-istatus ta' SĠP+, inkluż involviment imtejjeb mas-soċjetà ċivili u għal segwitu ta' kwalunkwe ksur possibbli; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat b'mod adegwat dwar kwistjonijiet f'dan il-qasam; jappella lill-partijiet involuti fin-negozjar tal-ftehimiet tal-UE jew fl-istabbiliment jew fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiż terz biex jeżaminaw il-possibbiltà li jestendu stedina permanenti bilaterali biex josservaw l-elezzjonijiet rispettivi tagħhom; jisħaq li din il-possibbiltà għandha tiġi indirizzata wkoll fi ftehimiet diġà eżistenti; itenni l-appelli tiegħu biex il-Kummissjoni twettaq b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem iffukati fuq ir-riskji ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem qabel ma tagħti kwalunkwe reġim preferenzjali lil pajjiż u biex tinvestiga u twieġeb malajr għal kwalunkwe ksur, inkluża r-revoka tal-istatus SĠP+ jekk dan ikun iġġustifikat; jissottolinja l-ħtieġa ta' riżorsi adegwati u proċeduri ċari biex jitwettqu kif xieraq il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem u tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jitlob, f'dan ir-rigward, li d-delegazzjonijiet tal-UE kkonċernati jirċievu żieda fir-riżorsi umani biex jikkontribwixxu għal dawn il-valutazzjonijiet u l-monitoraġġ tal-UE tal-aċċess preferenzjali għall-kummerċ għas-suq tal-UE skont l-iskema SĠP+;

107. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva bħala pass lejn it-trawwim ta' mġiba korporattiva responsabbli fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u dawk ambjentali; jenfasizza l-importanza li l-kumpaniji azzjonarji jinżammu responsabbli permezz ta' mekkaniżmi ġudizzjarji, inkluża r-responsabbiltà ċivili; jenfasizza li r-rekwiżiti tad-direttiva fir-rigward tar-rappurtar dwar l-istrateġiji ta' sostenibbiltà u diliġenza dovuta għandhom japplikaw għall-impriżi kbar kollha u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju li huma elenkati pubblikament jew li joperaw f'reġjuni tad-dinja u setturi ekonomiċi ta' riskju għoli; jitlob l-inklużjoni fid-direttiva ta' artikolu speċifiku dwar il-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari tal-persuni affettwati u tal-komunitajiet lokali, tat-trade unions, tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

108. Jikkundanna l-forom kollha ta' xogħol furzat u skjavitù moderna; jenfasizza li skont l-aħħar rapport "Global Estimates of Modern Slavery" (Stimi globali tal-iskjavitù moderna), bejn l-2016 u l-2021, 2,7 miljun persuna oħra kienu soġġetti għal xogħol furzat, b'massimu ta' 17,3 miljun persuna fis-settur privat biss; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmula b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni; jenfasizza wkoll li l-pandemija tal-COVID-19 aggravat din ix-xejra; jisħaq li l-kriżi rriżultat ukoll f'deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għal ħafna ħaddiema, li f'xi każijiet wasslet għal xogħol furzat; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jmexxu azzjonijiet f'fora multinazzjonali biex jeqirdu x-xogħol furzat u l-iskjavitù moderna; ifakkar lill-Istati Membri dwar il-ħtieġa ta' prosekuzzjoni u li jikkundannaw dawn l-attivitajiet imwettqa kemm fil-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll fi gruppi b'mobilità internazzjonali; itenni l-appell tiegħu li l-pajjiżi kollha jimplimentaw bis-sħiħ il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE li għadhom ma adottawx il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet tan-negozju biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha li jipparteċipaw b'mod kostruttiv u attiv fil-ħidma tal-grupp ta' ħidma intergovernattiv miftuħ tan-NU dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħrajn fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u li jadottaw mandat ta' negozjar għal dan l-għan; iqis li dan huwa pass neċessarju 'l quddiem fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

109. Jikkundanna l-prattika dejjem tikber minn Stati awtoritarji li jospitaw avvenimenti sportivi jew kulturali enormi sabiex isaħħu l-leġittimità internazzjonali tagħhom filwaqt li jrażżnu ulterjorment id-dissens domestiku; jappella lill-UE u lill-Istati Membri jidħlu fi djalogu mal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, mal-atturi korporattivi u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar il-modi għall-parteċipazzjoni tagħhom f'avvenimenti bħal dawn; jitlob l-iżvilupp ta' qafas ta' politika tal-UE dwar l-isport u d-drittijiet tal-bniedem;

Id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġiji diġitali

110. Jisħaq li d-drittijiet tal-bniedem iridu jinkludu bis-sħiħ l-isfera diġitali u jridu jiġu protetti mill-użu illegali tat-teknoloġija, jew minn atturi Statali jew mhux Statali li jipprovdu jew jibbenefikaw minn dawn it-teknoloġiji; jissottolinja r-riskji maħluqa mit-teknoloġiji diġitali, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, għal-libertà personali, għad-dritt għall-privatezza u għad-demokrazija b'mod ġenerali u jikkundanna r-rwol tat-teknoloġiji diġitali fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari permezz tas-sorveljanza, il-monitoraġġ, il-fastidju u l-limitazzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni; jisħaq fuq it-theddid li l-kampanji ta' diżinformazzjoni, flimkien ma' għodod diġitali, joħolqu; jisħaq wkoll li t-theddida speċifika li t-teknoloġiji diġitali ġodda joħolqu għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-esponenti tal-oppożizzjoni, il-ġurnalisti u oħrajn fil-kontroll, fir-restrizzjoni u fil-imminar tal-attivitajiet tagħhom; jitlob sforzi aktar intensivi biex jiġi stabbilit qafas

legali globali komprensiv dwar it-teknoloġiji diġitali, li għandu jieħu vantaġġ mill-kisbiet possibbli li tali teknoloġiji jistgħu joffru għall-benesseri tal-bniedem, filwaqt li jiġu rispettati b'mod strett id-drittijiet tal-bniedem; jinsisti fuq l-importanza ta' ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur, li jirrispetta l-valuri fundamentali tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt; jappoġġja bil-qawwa n-normi volontarji u mhux vinkolanti dwar l-imġiba responsabbli tal-Istat fiċ-ċiberspazju, li jinkludu r-rispett għall-privatezza u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini; jitlob l-adozzjoni rapida tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) bħala għodda effettiva biex jiġi żgurat li l-IA tintuża għal dan l-għan, b'enfasi speċjali fuq l-IA b'riskju għoli; jitlob li l-ekonomija tal-attenzjoni – użata minn, fost l-oħrajn, il-pjattaformi tal-media soċjali – tiġi inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IA b'riskju għoli sabiex il-gruppi vulnerabbli jiġu protetti milli jkunu fil-mira tad-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-opinjoni pubblika;

111. Jiddeplora l-prattiki minn reġimi awtoritarji, fost l-oħrajn, li jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għall-internet, inklużi l-blackouts tal-internet matul l-assemblej u l-protesti pubbliċi; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, f'kooperazzjoni ma' pajjiżi demokratiċi oħra, jinvestu fir-riċerka u t-teknoloġija li jippermettu aċċess globali għall-internet mingħajr xkiel u bi prezzijiet raġonevoli; jappella lill-UE tiffinanzja riċerka dwar modi diġitali effettivi biex tiffiltra u tiġġieled it-tixrid diġitali tal-aħbarijiet foloz, id-diżinformazzjoni u l-propaganda malizzjuża;

o

o o

112. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tat-78 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-Kapijiet ta' Delegazzjoni tal-UE.